Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Diskors tal-Baġit

# 2011

L-Onor. Tonio Fenech
Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment
Malta
25 ta' Ottubru, 2010

Ippublikat mill-
Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment
Triq in-Nofs in-Nhar,
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 24 96 40
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**

**Malta.** *Ministry of Finance, the Economy and Investment*
Diskors tal-Baġit, 2011 / Tonio Fenech. - Valletta : Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, 2010

14, 81p. ; 24cm.

ISBN: 978-99932-94-36-8
ISBN: 978-99932-94-37-5 Electronic Version

1. Budget – Malta
I. Title II. Fenech, Tonio

352.494585013

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 25 05 50

Mitbugh fl-Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.50

**Bix-Xogħol** ninvestu f'soċjeta' b'saħħitha

*Għalik*

# Werrej


**1. Introduzzjoni** **1**

**2. L-Ekonomija u s-Sostennibbiltà Finanzjarja** **5**

2.1 L-Ekonomija Maltija u l-Qagħda Internazzjonali 5

2.2 Strateġija Ekonomika u Finanzjarja 6

**3. Inkomplu Nkattru X-Xogħol** **16**

3.1 Ninvestu biex Inkattru x-Xogħol 17

3.2 L-Industrija u t-Tkabbir Ekonomiku 20

3.3 Is-Settur tat-Turiżmu 28

**4. Infrastruttura** **32**

4.1 Toroq ġodda arterjali u residenzjali 32

4.2 Riforma tat-Trasport Pubbliku 33

4.3 Investiment fil-Provvista ta′ l-Enerġija 36

4.4 Infrastruttura Marittima 38

**5. Għawdex** **39**

**6. L-Edukazzjoni u l-Ekonomija tal-Kreattività** **42**

6.1 L-Edukazzjoni prijorita´ għal ġid ta′ uliedna 42

6.2 Sport 48

6.3 L-Ekonomija tal-Kreattività 49

**7. Inkomplu ninvestu f'Soċjetà b'saħħitha** **53**

7.1 Il-Qasam Soċjali 53

7.2 Is-Settur tas-Saħħa 56

7.3 L-Anzjani 60

**8. Ambjent** **63**

8.1 Proġetti 63

8.2 Riforma fl-Awtorità dwar l-Ambjent u Ppjanar 64

8.3 Kunsilli Lokali 66

8.4 Nagħmlu l-aħjar użu mill-art pubblika 68

8.5 Immaniġġjar ta' l-Iskart 69

8.6 Agrikoltura 69

8.7 Il-Ħarsien ta' l-Annimali 70

**9. Konklużjoni** **71**

**Appendiċi A** **75**

**Appendiċi B** **82**

## 1. Introduzzjoni

Mr. Speaker,

Dan hu baġit biex insaħħu 'l pajjiżna.

Dan hu baġit li jibni s-suċċess ta' pajjiżna fuq is-suċċess tal-familji Maltin.

Għalhekk, dan il-baġit li jagħti prijorità lix-xogħol.

Għax bix-xogħol il-familji Maltin jimirħu u jagħmlu suċċess.

U pajjiżna jimxi 'l quddiem.

Mr. Speaker,

Dan hu baġit imfassal f'maltemp li sabna preparati.

Baġit li jħares 'il quddiem, b'għaqal imma b'kunfidenza.

Baġit li jżommna fit-triq lejn il-Viżjoni 2015.

Illum qed nippreżenta lil din il-Kamra u lill-poplu Malti baġit biex pajjiżna jkompli jissaħħaħ f'ekonomija kompetittiva, f'ambjent u poplu b'saħħtu, u f'komunitajiet mimlija ħajja fejn kulħadd jimxi 'l quddiem.

Sentejn u nofs ilu, il-poplu Malti għażel li jaħdem u jistinka flimkien ma' dan il-Gvern biex jegħleb il-maltemp ekonomiku li kien se jibda jaħkem id-dinja.

M'aħna se nieqfu qatt naħdmu sakemm kull Malti u kull Maltija jkunu jistgħu jgħidu: Għandi saħħti, għandi l-edukazzjoni, għandi l-kapaċitajiet, biex naħdem kemm niflaħ u nassigura l-aqwa futur għalija u għal uliedi.

Mr. Speaker,

Ix-xogħol. Qatt daqs illum ma nistgħu napprezzaw l-għażla tax-xogħol bħala l-għażla assuluta ta' dan il-Gvern;

Għamilna, u nibqgħu nagħmlu, dak kollu possibbli biex inħarsu x-xogħol, inġibu aktar xogħol, u noħolqu xogħol aħjar.

L-investiment fl-edukazzjoni u fis-saħħa għamilna poplu preparat biex nilqgħu għall-isfidi kbar li ffaċċja pajjiżna fl-aħħar snin.

Huwa biss permezz ta' din l-għażla li pajjiżna jista' jibqa' joħloq il-ġid biex insostnu dak li ksibna flimkien b'tant sagrifiċċju.

Pajjiż li jibqa' jinvesti dak kollu li jiflaħ fl-edukazzjoni tat-tfal u żgħażagħ tagħna; nemmnu f'poplu edukat li kapaċi jagħmel l-għażliet meħtieġa.

Pajjiż li jibqa' kapaċi jsostni l-aqwa servizzi ta' saħħa għal kulħadd.

Pajjiż li jipprovdi kull opportunità u sapport lill-anzjani, il-pensjonanti, lil min fis-soċjetà tagħna jeħtieġ l-appoġġ; poplu li jimpurtah minn xulxin.

Pajjiż, jew aħjar soċjetà li tieqaf ma' min u dgħajjef, għax toħloq il-ġid u tuża dak il-ġid b'għaqal u b'solidarjetà.

Mr Speaker,

Kuljum nisimgħu madwarna b'diversi pajjiżi, fosthom ġirien tagħna, li qed jagħmlu għażliet iebsa imma inevitabbli, miżuri ta' awsterità li d-dinja qatt ma rat bħalhom.

Pagi friżati jew imnaqqsa.

Pensjonijiet u benefiċċji soċjali li qed jinqatgħu jew jitnaqqsu.

Mijiet ta' eluf ta' ħaddiema fis-settur pubbliku jitilfu xogħolhom.

Żidiet sostanzjali fit-taxxi .

Żidiet f'miżati għall-edukazzjoni fl-università.

Tnaqqis fis-servizzi tas-saħħa.

Dawn huma realtajiet ta' Gvernijiet li jridu jieħdu deċiżjonijiet drastiċi minħabba s-sitwazzjoni li pajjiżhom jinsab fih.

Tagħlima tal-biża'. Għarfien li l-ebda Gvern mhu bir bla qiegħ.

Dak li tiżra', taħsad.

Jekk sena wara l-oħra tiżra' defiċit għoli, fl-aħħar taħsad dejn li l-pajjiż jogħtor taħtu.

Mr. Speaker,

Dan hu baġit li jixhed li s-sagrifiċċji li għamilna ma kienux għalxejn. Huwa baġit li jikkonferma li r-riformi li għamilna poġġew lil pajjiżna fuq sisien sodi. Il-maltemp aħrax laqat lilna wkoll. Imma sallum, bil-għaqal tagħna lkoll flimkien, pajjiżna rnexxilu jirkeb il-mewġ u għadu għaddej fid-direzzjoni li rriduh – dak li joħloq ix-xogħol.

Dan hu baġit li jiddikjara b'mod ċar li l-għażla tagħna bħala Gvern hi li nkomplu nassiguraw li pajjiżna qatt ma jkun sfurzat li jċedi għall-maltemp li jaħkmu, la issa u lanqas fil-ġejjieni.

B'finanzi fis-sod.

B'infieq dejjem aktar iffukat fuq dak li jrendi soċjetà b'saħħitha.

B'għażliet diffiċli li nieħdu flimkien u mhux weghdiet fiergħa.

Dan hu baġit xhieda li kapaċi nimxu triq differenti minn oħrajn, kif imxejna fiż-żmien dawn l-aħħar sentejn.

Għażilna t-triq ta' investiment akbar, li nassistu fejn tassew kien hemm bżonn biex nipproteġu l-postijiet tax-xogħol, li nwieżnu lil min tassew hu fil-ħtieġa ta' l-appoġġ tagħna.

Mhux se nagħżlu t-triq li taħrab mill-isfidi, li nidħku bil-poplu Malti u ngħidu li mhu għaddej xejn madwarna.

Mr. Speaker,

L-għażliet li għamilna fl-aħħar sentejn u nofs, u l-għażliet li qed nippreżentaw f'dan il-baġit għamilnihom fi djalogu kontinwu ma' kull min ried jerfa' r-responsabbiltà flimkien magħna.

Iddiskutejna dawn l-għażliet mal-*unions* u ma' min iħaddem, ma' għaqdiet varji u ma' ħafna ndividwi li ħadu sehem fit-tfassil ta' dan il-baġit. Dak li se nressaq illejla huwa frott il-kontribut, il-ħsibijiet, u l-ideat tagħhom; ta' dan irrid nirringrazjahom lkoll.

Li tiddjaloga u li tikkonsulta ma jfissirx li dejjem se taqbel.

Il-Gvern qiegħed hemm biex fl-aħħar iġorr ir-responsabbiltà tat-tmexxija, inkluż li jagħmel l-għażliet id-diffiċli.

Għalhekk illejla, Mr. Speaker, f'isem il-Gvern Malti qed inressaq baġit li qed jipproponi nefqa ta' 2.9 biljun ewro, u li biha se ninvestu:

340 miljun fl-edukazzjoni u t-taħriġ tat-tfal, iż-żgħażagħ u l-ħaddiema tagħna,

378 miljun fis-saħħa tal-poplu tagħna,

858 miljun fil-pensjonijiet u l-qafas soċjali ta' pajjiżna,

440 miljun fi proġetti u investiment kapitali.

# 2. L-ekonomija u s-sostenibbiltà finanzjarja

## 2.1 L-ekonomija Maltija u l-qagħda internazzjonali

Mr. Speaker,

Minkejja xi sinjali pożittivi, l-ekonomija internazzjonali għadha maħkuma minn diffikultajiet u nċertezzi.

L-aħħar tbassir ekonomiku tal-Kummissjoni Ewropea, jistma li r-rata ta' tkabbir ekonomiku fiż-Żona Ewro, se tkun ta' madwar 1.7 fil-mija matul t-tieni nofs ta' din is-sena, jiġifieri anqas mill-ewwel nofs.

**L-Ekonomija Maltija**

Sena ilu ressaqna baġit fejn għażilna li nipposponu l-mira tagħna li nnaqqsu d-defiċit għal 3 fil-mija in vista tad-diffikultajiet internazzjonali u l-impatt tagħhom fuq l-ekonomija Maltija. B'hekk, stajna nieħdu inizjattivi biex nirispondu malajr għar-riċessjoni li konna dħalna fiha.

Fil-fatt, fl-ewwel nofs ta' din is-sena l-ekonomija Maltija kibret b'rata pjuttost mgħaġġla u l-Prodott Domestiku Gross żdied b'medja ta' 4 fil-mija. Dan kien riżultat ta' żidiet qawwija fl-esportazzjoni, u titjib fil-konsum privat u pubbliku u fl-investiment. Huwa mistenni li dan it-titjib ikompli fit-tieni nofs ta' din is-sena.

Għandna sinjali ta' nkoraġġiment fil-qasam tax-xogħol. Ċifri maħruġa mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, juru li fit-12-il xahar sa Ġunju ta' din is-sena, in-nies jaħdmu bi qliegħ żdiedu u laħqu l-145,690. Din iż-żieda ġiet l-aktar mill-privat. Fl-istess perjodu, in-numru ta' nies jaħdmu *part-time* żdied b'1,683, u sar 29,251. In-numru ta' nies jirreġistraw għax-xogħol ix-xahar li għadda naqas bi 866, meta mqabbel ma' Settembru tas-sena l-oħra.

Mr. Speaker, dawn ir-riżultati nkoraġġanti jirriflettu l-għaqal tal-għażliet ta' dan il-Gvern favur ix-xogħol.

Ir-rata ta' l-inflazzjoni, matul it-12-il xahar sa Settembru li għadda, kellha xejra 'l isfel biex laħqet 0.8 fil-mija, tnaqqis ta' 2.7 punti perċentwali. Dan fisser li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja, kalkulata skont il-mekkaniżmu maqbul ma' l-imsieħba soċjali, se tkun ta' €1.16 fil-ġimgħa.

Il-Prodott Domestiku Gross mistenni li jiżdied b'rata ta' 3.4 fil-mija, filwaqt li r-rata ta' l-inflazzjoni mistennija li tilhaq 1.4 fil-mija. L-ekonomiji ta' l-imsieħba kummerċjali ewlenin ta' pajjiżna mistennija jikbru b'rata aktar moderata. Għalhekk, fl-2011, it-tkabbir ekonomiku f'Malta mistenni jsostni r-ritmu, u jkun madwar 3 fil-mija. L-inflazzjoni mistennija tilħaq 1.8 fil-mija.

Inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra, kopja ta' l-*Economic Survey*, li jagħti ħarsa dettaljata tas-sitwazzjoni ekonomika ta' pajjiżna.

## 2.2 Strateġija ekonomika u finanzjarja

### Stabilità makro-ekonomika

Mr. Speaker,

Minkejja t-titjib ekonomiku li qed nesperjenzaw f'pajjiżna, ma nistgħux ninjoraw dak li qed jiġri madwarna. L-għaqal u r-responsabbiltà jitolbu li fl-għażliet tagħna nagħtu l-importanza meħtieġa għat-tnaqqis tad-defiċit. Hekk biss nassiguraw li l-ambjent ekonomiku ta' pajjiżna jibqa' b'saħħtu u kredibbli, biex insostnu l-investiment, il-ħolqien tal-ġid u x-xogħol.

Ilkoll irridu nikkontribwixxu, b'għaqal, lejn ekonomija li ssostni t-tkabbir sostenibbli ta' pajjiżna, li toħloq ix-xogħol, li tibbilanċja s-sigurtà tal-impjiegi u l-pagi, u tħares is-sistema tas-sigurtà soċjali sabiex inħarsu u nwieżnu lil dawk li għandhom bżonn.

Jeħtieġ inkomplu bir-riformi strutturali meħtieġa, filwaqt li nindirizzaw l-iżbilanċi makro-ekonomiċi tagħna. Huwa mportanti li nkomplu nrażżnu l-iżbilanċ strutturali fil-finanzi pubbliċi u t-tkabbir tad-dejn nazzjonali. Issa li l-ekonomija bdiet tirpilja, ikun għaqli li nsostnuha b'investiment akbar u aktar esportazzjoni ta' prodotti u servizzi, u mhux b'infieq akbar mill-Gvern jew konsum mhux meħtieġ. L-għaqal jitlob kontroll fuq il-konsum u titjib fir-rata ta' tifdil tal-poplu tagħna. Huwa għaqli wkoll, li sa fejn possibbli nrażżnu ż-żidiet fil-prezzijiet biex nżommu s-saħħa ta' flusna u nħarsu l-kompetittività ta' pajjiżna.

Mr. Speaker,

Is-serjetà u l-prudenza tas-sistema bankarja tagħna kienu kruċjali biex rnexxielna niskappaw l-agħar tal-kriżi finanzjarja. Irridu nkomplu nħarsu din il-qagħda vataġġuża billi nneħħu dak kollu li jhedded l-istabilità tagħha. Inħeġġeġ biex ma jittieħdux riskji żejda, u ma nikkonċentrawx l-investimenti tagħna f'oqsma li huma esposti għal riskji. Jekk inkomplu nuru serjetà u għaqal, is-settur finanzjarju tagħna jibqa' mutur ewlieni fil-ħolqien tal-ġid nazzjonali.

F'konsultazzjoni ma' kull min hu nvolut, irridu niżviluppaw mekkaniżmu li jissorvelja s-settur finanzjarju f'kuntest usa, u li jikkumplimenta s-sorveljanza b'saħħitha li diġà teżisti. Mekkaniżmi simili qed jiġu żviluppati internazzjonalment u fl-Unjoni Ewropea. Dawn għandhom iżidu l-kunfidenza fis-suq Malti u jitnaqqsu r-riskji ta' kriżijiet.

Hemm bżonn ukoll li nsaħħu l-kultura tat-tifdil fost il-poplu tagħna. Il-Gvern se jfassal politika nazzjonali u pjan t'azzjoni favur il-kultura tat-tifdil, partikolarment fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Se nsaħħu l-edukazzjoni finanzjarja fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali.

**Inħarsu l-kompetitività, u l-kompetizzjoni fis-suq lokali**

Mr. Speaker,

Il-poplu tagħna jrid jgħix b'dak li jipproduċi u jbigħ barra l-pajjiż. Bi swieq globali kompetitivi ħafna u miftuħa beraħ ma nistgħu nieqfu qatt inkabbru l-ekonomija tagħna u niddiversifikaw l-oqsma produttivi b'għażliet għaqlija.

Hemm bżonn inneħħu dak kollu li jxekkel il-kompetitività tagħna u dak li jnaffar l-investiment. Irridu nkomplu nirriformaw biex nassiguraw il-flessibbiltà fis-swieq tagħna u r-rilevanza tagħna fis-swieq internazzjonali. L-ineffiċjenza, il-ħela, il-burokrazija żejda, u l-korruzzjoni huma l-għedewwa tagħna! Bl-aktar mod ċar niddikajaraw li se nsaħħu l-ġlieda tagħna biex negħlbuhom. Fuq kollox, irridu nassiguraw dħul ġust għall-ħaddiema u l-imprendituri tagħna li jkun imwieżen mill-produttività ta' pajjiżna.

Se nkomplu nsaħħu l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Kull ma jxekkel il-kompetizzjoni ġusta huwa ta' detriment għall-operaturi ekonomiċi f'pajjiżna u jqiegħed piżijiet bla bżonn fuq il-familji tagħna. Diġà għamilna ħafna. Illiberalizzajna ħafna mis-swieq tagħna. Kibret il-kompetizzjoni, kiber ix-xogħol, tjiebet il-kwalità, u spiċċajna bi prezzijiet aħjar għall-konsumatur. Se nkomplu naħdmu biex inneħħu l-ostakli kollha għall-kompetizzjoni ġusta. B'hekk jirbaħ kulħadd.

Mr. Speaker,

Minkejja dak li qed jiġri madwarna, se nibqgħu nagħmlu l-għażliet bil-għaqal fil-mixja tagħna lejn il-Viżjoni 2015.

Qed nagħżlu li ninvestu fis-saħħa, fl-edukazzjoni, fil-ħiliet, fil-kreattività, u fl-għarfien kulturali tal-poplu tagħna.

Qed nagħżlu li ninvestu aktar fl-infrastruttura, fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Qed nagħżlu li nkomplu ntejbu l-ambjent kummerċjali ta' pajjiżna.

Qed nagħżlu li nkomplu nimirħu lejn oqsma ġodda ta' tkabbir ekonomiku u norjentaw l-oqsma produttivi tagħna lejn oqsma ta' valur miżjud għoli u ta' kwalità.

B'hekk, Mr. Speaker, inkomplu nsaħħu dawk il-fatturi kompetittivi li mhumiex ibbażati fuq il-prezz.

Qed nagħżlu li nħeġġu aktar nies jibqgħu, jew joħorġu jaħdmu.

Qed nagħżlu li nagħmlu lill-ekonomija tagħna aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi sabiex intejbu s-sostenibbiltà ekonomika u ambjentali tagħna.

Qed nagħżlu li nsaħħu l-bażi produttiva ta' pajjiżna, u nkomplu noħolqu opportunitajiet tajba ta' xogħol għal kulħadd.

Il-Gvern diġà daħħal il-prattika li jevalwa l-kompetittività tal-pajjiż b'mod rigoruż fil-dokument ta' qabel il-baġit. Mis-sena d-dieħla 'l quddiem, il-Gvern se jitlob lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex iħejju rapport analitiku dwar il-kompetittività nazzjonali b'mod regolari li mbagħad jintbagħat lill-MCESD għad-diskussjoni fost l-imsieħba soċjali.

**Strateġija finanzjarja**

Mr. Speaker,

Din is-sena l-iżbilanċ fil-finanzi pubbliċi mistenni jkun ta' 3.9 fil-mija ta' dak li jipproduċi l-pajjiż. Ir-responsabbiltà u l-għaqal jitolbu dan li matul is-sena li ġejja nnaqqsuh taħt it-3 fil-mija, u li bil-għaqal inkomplu nersqu lejn il-bilanċ fiskali.

L-għaqal, il-moderazzjoni, u s-serjetà fl-infieq pubbliku iridu jmexxuna. Dan biex ma jkollniex bżonn ta' aktar taxxi u biex ma nkabbrux id-dejn nazzjonali aktar milli meħtieġ. Qed nagħmlu dan biex inkabbru l-istabilità, il-kredibilità, u l-fiduċja finanzjarja tal-investituri f'pajjiżna.

Mr. Speaker, l-istrateġija tagħna fl-immaniġġjar tal-finanzi pubbliċi hija ċara: qed nagħżlu li nsaħħu l-qafas finanzjarju u baġitarju nazzjonali. Qed nikkontollaw, u fejn possibbli, innaqsu n-nefqa pubblika b'mod maħsub u strateġiku. Filwaqt li nkomplu nsostnu s-servizzi u l-investiment meħtieġa, qed nassiguraw li ma nipperikolawx is-sostenibbiltà ekonomika ta' pajjiżna. Irridu niksbu l-akbar valur u l-aħjar riżultati għall-flus minfuqa fit-twettieq tal-programm tal-Gvern mis-settur pubbliku. Nisħqu fuq it-tħaris u l-infurzar tal-liġijiet fiskali, u nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-evażjoni fiskali.

Għalhekk, qed nesiġu li matul is-sena li ġejja id-dipartimenti u l-entitajiet tal-Gvern:

- itejbu l-effiċjenza tagħhom mill-anqas bi 2 fil-mija. Kull dipartiment u entità pubblika għandha tissottometti, sal-15 ta' Diċembru, pjan t'azzjoni dwar kif se jtejbu l-effiċjenza tagħhom;

- itejbu l-infurzar tal-liġijiet u jħarrxu l-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali biex, fost l-oħrajn nillimitaw il-mod kif qed jiġi użat telf akkumulat f'kumpaniji inattivi, liema telf jiġi *set-off* kontra l-profitti ta' kumpaniji oħra fl-istess grupp;

- jaħdmu għat-tnaqqis ta' 10 fil-mija fl-arretrati tal-Gvern. Kull dipartiment u entità se jintalab jipprepara strateġija għal dan il-għan sal-aħħar ta' Novembru;

- fejn jagħmel sens, jimpjegaw persuna waħda għal kull tnejn li jispiċċaw. Id-dipartimenti u entitajiet huma mistennija li jużaw ir-riżorsi umani bl-aħjar mod possibbli;

- jitwaqqaf grupp ta' ħidma biex iħares mill-qrib lejn il-metodi u l-proċessi tax-xiri fis-settur pubbliku, u biex jipproponi strateġiji u miżuri għat-titjib fl-effiċjenza u l-valur għall-flus. Dan il-grupp se jintalab ilesti ir-rapport tiegħu sal-aħħar t'Awissu li ġej;

- it-trasport tal-Gvern irid jiġi mmaniġġjat b'mod iżjed effiċjenti. Għalhekk, fuq perjodu ta' sentejn, se jsir eżerċizzju biex analizzat it-trasport tal-Gvern, u jsiru rakkomandazzjonijiet fuq l-użu, ippjanar, fjuwil, manutenzjoni u tiswija tal-vetturi użati. Huwa mistenni li din ir-riforma tkun lesta sal-2013; u

- tiddaħħal sistema ta' awditjar indipendenti li, b'mod regolari u *random*, tagħrbel u tevalwa kampjuni ta' persuni li jirċievu mediċini b'xejn. Il-ħsieb huwa li nikkumbattu l-abbuż, waqt li jiżdiedu l-mediċini b'xejn għal min verament jeħtieġ.

Mr. Speaker, se nadottaw ukoll Kodiċi ta' Xogħol u Etika, flimkien ma' programm ta' taħriġ, għal dawk kollha fis-settur pubbliku li huma nvoluti fix-xiri pubbliku. Dan se jikkumplimenta taħriġ professjonali li diġà tnieda fl-immaniġġjar tal-finanzi pubbliċi.

**Il-qagħda finanzjarja**

L-iżbilanċ tal-Gvern għas-sena 2010 mistenni li jkun ta' 237.7 miljun ewro, jew 3.9 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Għalkemm id-dħul tal-Gvern mistenni li jkun anqas minn dak previst, id-dħul ta' tassazzjoni diretta u ndiretta mistenni jiżdied b'133.7 miljun ewro, filwaqt li d-dħul ieħor mistenni jiżdied b'105.9 miljun, meta mqabbla mal-2009.

In-nefqa rikurrenti mistennija tiżdied b'40.3 miljun ewro fuq dak previst għall-2010. Dan jinkludi żidiet fis-salarji, l-aktar fis-settur tal-edukazzjoni u s-saħħa, fil-Programmi u Inizjattivi, partikolarment fil-qasam tat-turiżmu, l-edukazzjoni u l-benefiċċji soċjali.

In-Nefqa Kapitali mistennija tkun 382.9 miljun ewro.

Id-dejn tal-Gvern mistenni jkun 69.1 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

L-iżbilanċ tal-Gvern għas-sena d-dieħla previst li jkun ta' 2.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Qed nehmeż tabelli numri 2.1, 2.2, u 2.3, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija. Aktar dettalji jinsabu f'Appendiċi B mehmuża ma' dan id-diskors.

**IL-QAGĦDA FISKALI 2009 - 2010**

| | 2009 Attwali € '000 | | 2010 Approvat € '000 | | 2010 Rivedut € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul Totali | | 2,370,770 | | 2,674,937 | | 2,610,365 |
| Dħul minn Taxxi | 2,130,120 | | 2,331,254 | | 2,263,863 | |
| Dħul Ieħor | 240,650 | | 343,683 | | 346,502 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,396,445 | | 2,484,142 | | 2,524,455 |
| Spiża Rikurrenti | 2,204,421 | | 2,288,521 | | 2,326,334 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 192,024 | | 195,621 | | 198,121 | |
| Bilanċ (Żbilanċ) Rikurrenti | (25,675) | | 190,795 | | 85,910 | |
| Nefqa Kapitali | | 271,346 | | 429,595 | | 382,910 |
| Nefqa Totali | | 2,667,791 | | 2,913,737 | | 2,907,365 |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(297,021)** | | **(238,800)** | | **(297,000)** |
| Finanzjament | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (252,464) | | (191,242) | | (191,242) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Lokali | (7,023) | | (7,023) | | (7,023) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Barranin | (9,945) | | (9,177) | | (9,177) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (541) | | (100) | | (100) | |
| Faċilita' ta' Self mar-Repubblika Ellenika | - | | - | | (30,000) | |
| Bilanċ mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 0 | | 0 | | 0 | |
| Bejgħ ta' Assi | 2,795 | | 0 | | 0 | |
| | | (267,178) | | (207,542) | | (237,542) |
| Ħtieġa ta' Self | | (564,199) | | (446,342) | | (534,542) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (87,891) | | (114,776) | | (196,297) | |
| Self Lokali | 455,793 | 367,902 | 550,000 | 435,224 | 550,000 | 353,703 |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (196,297) | | (11,118) | | (180,839) |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **80,082** | | **5,000** | | **59,282** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | **(216,939)** | | **(233,800)** | | **(237,718)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **5,749,657** | | | | **6,134,884** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-3.77%** | | | | **-3.87%** | |

## IL-QAGĦDA FISKALI 2009 - 2013

| | 2009 Attwali € '000 | | 2010 Rivedut € '000 | | 2011 Estimi € '000 | | 2012 Estimi € '000 | | 2013 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul Totali | | 2,370,770 | | 2,610,365 | | 2,791,700 | | 2,845,092 | | 2,938,184 |
| Dħul minn Taxxi | 2,130,120 | | 2,263,863 | | 2,393,370 | | 2,502,060 | | 2,588,060 | |
| Dħul Ieħor | 240,650 | | 346,502 | | 398,330 | | 343,032 | | 350,124 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,396,445 | | 2,524,455 | | 2,547,222 | | 2,620,565 | | 2,677,280 |
| Spiża Rikurrenti | 2,204,421 | | 2,326,334 | | 2,338,726 | | 2,405,071 | | 2,461,994 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 192,024 | | 198,121 | | 208,496 | | 215,494 | | 215,286 | |
| Bilanc / (Żbilanċ) Rikurrenti | (25,675) | | 85,910 | | 244,478 | | 224,527 | | 260,904 | |
| Nefqa Kapitali | | 271,346 | | 382,910 | | 440,024 | | 378,987 | | 369,945 |
| Nefqa Totali | | 2,667,791 | | 2,907,365 | | 2,987,246 | | 2,999,552 | | 3,047,225 |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(297,021)** | | **(297,000)** | | **(195,546)** | | **(154,460)** | | **(109,041)** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | (252,464) | | (191,242) | | (182,014) | | (509,702) | | (464,783) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Lokali | (7,023) | | (7,023) | | (6,744) | | (4,857) | | (4,059) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* - Barranin | (9,945) | | (9,177) | | (6,758) | | (6,758) | | (6,758) | |
| Akkwist ta' *Equity* | (541) | | (100) | | (6,100) | | (100) | | (100) | |
| Faċilita' ta' Self mar-Repubblika Ellenika | - | | (30,000) | | (24,000) | | (16,000) | | (5,000) | |
| Bilanċ mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 0 | | 0 | | 9,560 | | 27,986 | | 28,184 | |
| Bejgħ ta' Assi | 2,795 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | |
| | | (267,178) | | (237,542) | | (216,056) | | (509,431) | | (452,516) |
| Ħtieġa ta' Self | | (564,199) | | (534,542) | | (411,602) | | (663,891) | | (561,557) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (87,891) | | (196,297) | | (180,839) | | (22,441) | | 13,668 | |
| Self Lokali | 455,793 | 367,902 | 550,000 | 353,703 | 570,000 | 389,161 | 700,000 | 677,559 | 550,000 | 563,668 |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (196,297) | | (180,839) | | (22,441) | | 13,668 | | 2,111 |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **80,082** | | **59,282** | | **13,913** | | **8,513** | | **7,013** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | **(216,939)** | | **(237,718)** | | **(181,633)** | | **(145,947)** | | **(102,028)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **5,749,657** | | **6,134,884** | | **6,478,437** | | **6,802,359** | | **7,142,477** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-3.77%** | | **-3.87%** | | **-2.80%** | | **-2.15%** | | **-1.43%** | |

Tabella Nru.2.3

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | € '000<br>2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 3,224,184 | 3,612,942 | 4,054,504 | 4,244,802 | 4,330,019 |
| *Bills* tat-Tezor | 474,137 | 378,679 | 220,735 | 194,166 | 227,682 |
| Self tal-*Ex-MDD* | 56,391 | 55,689 | 2,113 | 2,113 | 2,113 |
| Self minn Barra | 101,038 | 87,744 | 74,609 | 62,082 | 62,082 |
| EBU's / Kunsilli Lokali | 63,643 | 65,291 | 65,291 | 65,291 | 65,291 |
| Munita | 37,154 | 40,000 | 40,000 | 40,000 | 40,000 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **3,956,547** | **4,240,345** | **4,457,252** | **4,608,454** | **4,727,187** |
| *Prodott Gross Domestiku* | 5,749,657 | 6,134,884 | 6,478,437 | 6,802,359 | 7,142,477 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **68.81%** | **69.12%** | **68.80%** | **67.75%** | **66.18%** |

## 3. Inkomplu nkattru x-xogħol

Ix-xogħol huwa attività li tagħti dinjità lill-bniedem.

Bix-xogħol, il-bniedem itejjeb il-qagħda tiegħu, tal-familja tiegħu u ta' pajjiżna. Ix-xogħol u l-intrapriża huma l-muturi tal-ekonomija u l-iżvilupp ta' pajjiżna.

Mr. Speaker,

Għażilna x-xogħol bħala prijorità u se nkomplu ninvestu f'din l-għażla.

Irridu li x-xogħol, u l-qligħ xieraq minnu, ikunu l-għażla kburija u naturali ta' kulħadd. B'hekk innaqqsu l-kultura tad-dipendenza, u r-riskju ta' livell ta' għixien baxx u nsaħħu l-inklużjoni soċjali. Fi żmien fejn id-dinja qed taffaċċja kriżi ekonomika, il-Gvern għażel li jkompli jinvesti fil-Maltin kollha sabiex dawn ikollhom l-opportunità li javvanzaw.

L-aħħar statistika tal-*Eurostat*, tikkonferma li fl-aħħar sena, pajjiżna kien l-aktar pajjiż fl-Unjoni Ewropea li naqqas il-qgħad. Niżżilna r-rata ta' 7.2 fil-mija għal 6.2 fil-mija. Dan is-suċċess meta l-pajjiżi kollha qed jaffaċċjaw inċertezzi, u ħafna qed idaħħlu miżuri ta' awsterità. Fassalna numru ta' miżuri għaqlin, li wasslu biex nilqgħu għal din il-kriżi u bl-inqas impatt fuq il-familji tagħna. Hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min ħadem mal-Gvern f'dan ir-rigward.

Minkejja dan is-suċċess, il-Gvern jemmen li kull persuna li ġenwinament qed tfittex ix-xogħol hija sfida. Mhux se nieqfu qabel din il-persuna wkoll jkollha xogħol li jixirqilha.

## 3.1 Ninvestu biex inkattru x-xogħol

Mr. Speaker,

Fid-dinja tax-xogħol qed naraw xejriet li rridu nagħtu kashom:

- it-tibdil kontinwu fin-natura tax-xogħol jista' jwassal għal diskrepanza bejn il-ħiliet tal-ħaddiema tagħna u dawk meħtieġa mill-intrapriżi ;
- minħabba din id-diskrepanza l-intrapriżi tagħna se tikbrilhom l-isfida li jsibu u jżommu t-talent meħtieġ;
- is-swieq u l-klijenti tagħna qed isiru aktar sofistikati u kompetittivi. Għaldaqstant, l-intrapriżi tagħna jridu jaħsbu kontinwament kif jistgħu jaħdmu b'mod aħjar u aktar innovattiv sabiex jagħtu valur akbar f'dak li qegħdin joffru;
- l-iżviluppi teknoloġiċi qegħdin jibdlu kontinwament il-mod ta' kif naħdmu.

L-għaqal ifisser li nagħtu każ dawn ix-xejriet fl-iżvilupp tal-politika u l-għażliet tagħna. L-intrapriżi tagħna għandhom bżonn ħaddiema bieżla, flessibbli, u li kapaċi jaġġustaw ruħhom kontinwament. Dan jinkludi taħriġ kontinwu sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom. Għaldaqstant, l-investiment kontinwu fil-ħiliet u fl-edukazzjoni hija għażla essenzjali biex il-ħaddiema tagħna jżommu posthom fid-dinja tax-xogħol u biex itejbu il-qagħda tagħhom.

Mr. Speaker,

Biex l-ekonomija Maltija tkompli tiżviluppa, jeħtieġ li aktar persuni jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Għalhekk il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ, qed tħarreġ l-individwi li qed isibu diffikultà fil-qasam tax-xogħol permezz ta' bosta skemi.

B'mod gradwali, daħħalna skema fejn dawk li ilhom qiegħda għal bosta snin, qed jagħmlu xogħol fil-komunità. Din l-iskema qed tagħti l-opportunità 160 individwu jkun attiv fis-soċjetà, filwaqt li jingħata nċentiv finanzjarju, u esperjenza fil-qasam tax-xogħol.

Se nkomplu nsostnu l-iskemi għal taħriġ tal-ħaddiema. It-*Training Aid Framework* li sal-lum diġà tagħti inċentiv lil 1,140 intrapriża biex toffri opportunitajiet ta' taħriġ għal kważi 10,000 impjegat. L-*Employment Aid Programme* tħares lejn l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità jew persuni li ġejjin minn sitwazzjoni żvantaġġata, biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Sa nofs Settembru kien hemm 900 persuna li gawdew minn din l-iskema. Fil-Baġit ta' din is-sena, qed nallokaw is-somma ta' tliet miljun ewro.

Se nkomplu nsostnu l-inizjattivi li nidejna biex il-ħaddiema tagħkom jkomplu jiġu mħarrġa. Fost dawn, l-*Apprenticeship Scheme* kellha 741 student u studenta, il-*Work Trial Scheme* 288 persuna, u 43 persuna huma fil-programm għal min jimpjega persuna b'diżabilità severa. 62 żagħżugħ u żagħżugħa qed jipparteċipaw fi programm għal persuni ta' 16 u 20 sena li mhumiex f'xogħol jew taħriġ.

Dan mhux biżżejjed. Nemmnu f'xogħol aħjar u se ninvestu fi programm ta' taħriġ għal kull min qed jaħdem bil-paga minima. Dawk kollha li se jidħlu għal dan it-taħriġ se jinghataw *allowance* ta' 25 ewro fil-ġimgħa. Irridu nagħtu l-għodda lil min qiegħed fuq il-paga minima biex itejjeb il-pożizzjoni tiegħu u l-prospetti tiegħu għal qliegħ aħjar.

L-Awtoritajiet kompetenti se jkunu mistennija li, b'mod regolari, jippreparaw rapport dwar is-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Dan ir-rapport se jintbagħat ukoll lill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sabiex ikun diskuss.

Se nwaqqfu Kunsill Nazzjonali dwar il-Ħiliet, biex jġib flimkien l-awtoritajiet, l-operaturi edukattivi kollha u l-imsieħba soċjali għal diskussjoni regolari u strateġika dwar l-iżvilupp tal-ħiliet fil-kuntest tad-dinamika tas-suq tax-xogħol.

**In-nisa fid-dinja tax-xogħol**

Jeħtieġ nagħmlu aktar biex aktar nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol.

S'issa 6,566 mara bbenfikaw mill-iskema ta' *tax credit* ta' sena għal kull wild li kellhom, li tammonta għal 5.8 miljun ewro. Din l-iskema se terġa' tkun fis-seħħ matul is-sena li ġejja.

Smajna b'nisa, fejn żewġhom qed jirċievi għajnuna soċjali, huma skorraġġuti jaħdmu mqar *part-time* biex itejbu l-mezzi finanzjarji tal-familja. Dan għaliex id-dħul tagħhom minn dan il-*part-time* ikun kkunsidrat fit-*test* tad-dħul għal għajnuna soċjali, u allura din l-għajnuna soċjali tonqos jew tieqaf jekk joħorġu jaħdmu.

Għalhekk, minn Jannar li ġej, parti mid-dħul mix-xogħol ta' persuni li qegħdin fuq xi għajnuna soċjali mhux se jiġi ikkalkulat fit-*test* tal-mezzi sabiex il-familja tikkwalifika għal għajnuna soċjali. L-ammont ta' paga li se jkun eżentat mit-*test* tal-mezzi se jkun ekwivalenti għad-differenza bejn il-paga minima nazzjonali u r-rata sħiħa ta' l-għajnuna soċjali applikabbli fil-każ ta' żewġ persuni.

L-obbligu tal-kontribuzzjoni minima ta' €26.37 fil-ġimgħa għal min jaħdem għal rasu qed twassal lil numru ta' nisa li jew jagħżlu li ma jidħlux fis-suq tax-xogħol jew li jaħdmu fl-ekonomija informali b'dannu għalihom meta jinqala' mard jew korriment fuq ix-xogħol.

Il-Gvern iqis li din is-sitwazzjoni għandha tinbidel biex dawn in-nisa jkunu mħeġġa jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jiddikjaraw l-impjieg tagħhom. Għalhekk, in-nisa li jaħdmu *part-time* għal rashom, bħalma hu l-każ ta' persuni mpjegati, se jingħataw il-possibbiltà li

jagħżlu li jħallsu kontribuzzjoni ta' 15 fil-mija pro-rata għad-dħul tagħhom flok il-minimu skont il-liġi bħalissa. Din il-kontribuzzjoni pro-rata tagħti wkoll drittijiet pro-rata għal xi benefiċċji soċjali.

Mr. Speaker,

Bħalma wegħdna fil-Programm Elettorali, irridu nindirizzaw l-abbużi mill-ħaddiema. Il-Gvern se jwaqqaf *Unit* li se jiċċekkja li l-ħaddiema kollha tal-kuntratturi li jipprovdu servizzi lill-Gvern, bħal *cleaners*, *carers* u *security*, jirċievu l-paga u l-benefiċċji kollha dovuti lilhom. Dawk il-kuntratturi li jinstabulhom ħaddiema mpjegati rregolarment jew b'kundizzjonijiet inferjuri għal dak li tipprovdi l-liġi u l-kundizzjonijiet tat-tender, se jitwaqqfilhom il-kuntratt tagħhom.

Il-Gvern mhux se jittollera diskriminazzjoni kontra ħaddiema barranin u li jiġu sfruttati b'pagi baxxi. Dan l-isfruttament imur ukoll kontra l-interess ta' ħaddiema Maltin għax joħloq kompetizzjoni nġusta. Il-Gvern se jwaqqaf struttura kif dawn il-persuni jiġu reġistrati u ngaġġati matul il-perjodu li jkunu qed jaħdmu f'pajjiżna biex ikun żgurat li qed jirċievu kull ma ħaqqhom waqt li jħallsu l-kontribuzzjonijiet dovuti.

## 3.2 L-industrija u t-tkabbir ekonomiku

### Investiment fl-intrapriża lokali

Mr. Speaker,

Is-settur tas-servizzi qed ikompli jikber fl-ekonomija tagħna. Dan japplika kemm għas-servizzi finanzjarji u intermedjarji, kif ukoll għas-settur aktar wiesgħa tal-ICT, konsulenzi, *back office* u oħrajn. Is-settur tal-manifattura għaddej minn ristrutturar kontinwu, li huwa meħtieġ biex jibqa' kompetittiv u jkabbar il-valur miżjud tiegħu. Fl-istess waqt, qed jiżviluppa settur li jgħaqqad dan il-qasam ma' dak tas-servizzi, fosthom dak tal-manutenzjoni tal-ajruplani.

L-iskema *MicroCredit,* mill-Fond Ewropew tal-Investiment, issa waslet fl-aħħar fażi ta' l-implimentazzjoni tagħha, bis-sejħa għal istituzzjonijiet finanzjarji tagħlaq f'nofs Novembru. Il-benifiċċji fiskali ta' l-iskemi *MicroInvest* u *Create* se japplikaw ukoll għal din is-sena. Infakkar li dan ifisser li l-intrapriżi li ma jħadmux aktar minn 10 min-nies se jibqgħalhom aċċess ta' 40 fil-mija ta' l-ispejjeż li jkunu għamlu sa massimu ta' 25,000 ewro kreditu ta' taxxa fuq l-investiment u l-impjiegi ġodda li joħolqu.

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern jemmen li ċ-ċavetta għat-tkabbir tal-intrapriża lokali hija l-internazzjonalizzazzjoni. Is-Suq Wieħed, b'500 miljun konsumatur, jipprovdilna opportunitajiet kbar. Il-kompetittività ta' pajjiżna hija kruċjali għas-suċċess f'dan is-suq. Flimkien mal-Kamra tal-Kummerċ, il-Malta Enterprise nediet programm ta' taħriġ u konsulenza fil-qasam tal-*franchising,* bil-għan li ditti Maltin ikunu esportati lejn swieq barranin. Se nivvutaw miljun ewro biex inniedu il-programm '*Gateway to Export*' biex jgħin u jħarreġ kumpaniji jesportaw lejn swieq barranin.

Biex nirnexxu f'dan is-settur u nilħqu l-Viżjoni 2015, mibnija fuq l-eċċellenza, pajjiżna jrid ikompli jinvesti f'ekonomija mibnija fuq il-kwalità. B'hekk, biss inkunu nistgħu neċċellaw f'dak li nagħmlu, insaħħu l-effiċjenza tagħna, u ntejbu l-kompetittività internazzjonali. Jekk m'aħniex se nassiguraw il-kwalità f'dak kollu li nagħmlu u noffru, se naqgħu lura.

Għalhekk, se nniedu *Quality Improvement Programme* biex inkabbru l-għarfien dwar id-diversi aspetti tal-kwalità u noffru għajnuna lill-intrapriżi tagħna biex jaħdmu għaliha. Dan il-programm għandu jiffaċilita wkoll il-*franchising* ta' prodotti u servizzi Maltin barra l-pajjiż. Il-Gvern qed jalloka 250,000 ewro għal dan il-programm.

Se nagħtu wkoll tnaqqis ta' 150 fil-mija fit-taxxa, sa massimu ta' 10,000 ewro, għal min jinvesti biex itejjeb il-kwalità tal-prodott jew is-servizz li jipprovdi, u b'hekk itejjeb il-kompetittività tiegħu.

Se nipparteċipaw għall-ewwel darba fil-*Eurostarts*, programm ta' fondi għal riċerka u żvilupp immirat għas-settur żgħir u medju. Il-*Eurostarts* huwa Fond ta' madwar mitt miljun ewro fis-sena u l-Gvern se jikkommetti nofs miljun ewro għalih. B'hekk, kumpaniji Maltin se jkunu jistgħu jissieħbu ma' kumpaniji barranin fi proġetti ta' riċerka u żvilupp.

Qed nagħmluh dan kollu biex inkomplu nsostnu lis-settur *micro* u lill-SMEs. Nemmnu li dan is-settur għandu jkompli jiżviluppa u jikber, anki permezz ta' diversifikazzjoni, ristrutturar, u swieq ġodda.

Mr. Speaker,

It-tkabbir tan-negozju jġib sfidi loġistiċi li jistgħu joħonqu l-possibbiltà ta' l-iżvilupp. Ħafna drabi kumpaniji żgħar li jixtieq jkabbru jsibu problema ta' spazju, speċjalment jekk joperaw ġewwa żona residenzjali.

Għalhekk, il-Gvern kien issieħeb mal-privat bil-għan li jinħolqu żoni industrijali għan-negozji żgħar u medji. Bdew il-preparamenti biex jinbena *Micro Business Park* f'Għawdex u tlestew il-pjanti konformi mal-kunċett ta' Eko-Għawdex. Dan il-proġett, ta' tmien miljun ewro se jibda s-sena d-dieħla u se jakkomoda 39 intrapriża fi 7,800 metru kwadru.

Se niżviluppaw mill-ġdid il-*Hutment Area* ġewwa Kordin. Se noħolqu 18,000 metru kwadru għal 66 negozju b'investiment ta' 10 miljun ewro.

Ħarġu s-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet fl-oqsma industrijali ta' Kordin, Ħal-Far, ix-Xewkija, u Bulebel, se jibda programm ta' titjib, b'investiment ta' 16-il miljun ewro. Dan jinkludi l-bini mill-ġdid ta' tliet Ċentri għall-Ħarsien tat-Tfal fil-Mosta, ix-Xewkija u Kordin. Investejna wkoll seba' miljun ewro fis-*Safi Aviation Park* li se jkun lest sa Marzu li ġej u se jagħti spinta ġdida lis-settur ta' l-avjazzjoni ġewwa pajjiżna.

Mis-sena li ġejja, il-Malta Industrijal Parks se tissieħeb mas-settur privat għat-tmexxija u ż-żamma taż-żoni industrijali. Se jinbeda l-proċess għall-għoti ta' konċessjoni għall-*facilities management* fil-Park tal-Avjazzjoni ġewwa Ħal-Safi u għaż-żona industrijali ta' Bulebel. Se nressqu emendi leġislattivi biex tiġi ntrodotta sistema ekwa u ġusta ta' *service charge* għall-inkwilini f'dawn iż-żoni industrijali, u li tmur għall-bżonnijiet tal-partijiet komuni tal-qasam industrijali.

Mr. Speaker,

It-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna huwa marbut mal-investiment barrani u l-esportazzjoni. Għalkemm il-qagħda internazzjonali ma tatx wisq spazju biex il-kummerċ dinji jespandi, fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, l-esportazzjoni żdiedet bi 33 fil-mija. Numru ta' investituri barranin ħabbru espansjoni ta' l-operat tagħhom ġewwa Malta, b'investimenti ta' 'l fuq minn 30 miljun ewro u l-ħolqien ta' aktar minn 300 impjieg ġdid. Matul is-sena li ġejja, il-Malta Enterprise se żżid l-attività tagħha fis-swieq internazzjonali bi programm ta' attivitajiet, u bil-preżenza ta' Konsli Kummerċjali fi swieq bħaċ-Ċina, l-Afrika t'Isfel, l-Indja u l-Awstralja.

Qed nivvutaw disa' miljun ewro biex il-Malta Enterprise tibqa' tħaddem numru ta' skemi li joffru nċentivi lill-industrija. Qed ngħinu lill-industrija tal-manifattura u s-servizzi relatati, u qed ninċentivaw lis-settur kummerċjali biex jinvesti aktar f'enerġija li tiġġedded, fost l-oħrajn.

Mr. Speaker,

Il-ġimgħa l-oħra nedejna proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-Att dwar in-Negozji Żgħar. Irridu li dan l-Att ikompli joħloq klima li tiffaċilita l-ħajja ta' l-imprendituri tagħna, billi:

- jiġi ntrodott l-*SME test*, li kull liġi li jkollha impatt fuq l-SMEs trid tgħaddi minnu;
- iwaqqaf Kulleġġ ta' Regolaturi li jagħti pariri lill-Gvern dwar il-politika regolatorja għal dan is-settur;
- jitwaqqaf Korp Konsultattiv li jassisti lill-Gvern fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika għall-intrapriżi; u
- jħajjar organizzazzjonijiet li jirrapprezentaw lill-SMEs jaddottaw kodiċi ta' etika, fost l-oħrajn.

**Is-settur pubbliku bħala appoġġ lis-settur tan-negozju**

Mr. Speaker,

Is-settur pubbliku, bid-dipartimenti u l-awtoritajiet tiegħu, għandu rwol ewlieni fil-ħolqien ta' ambjent adattat, fejn l-individwi, l-intrapriża, u l-oqsma tan-negozju jkunu jistgħu jiżviluppaw, jaħdmu u jikbru fi klima ta' ċertezza, u mingħajr xkiel. Is-settur pubbliku għandu d-dmir li jgħin biex dawn jilħqu l-miri tagħhom, filwaqt li jassigura l-ħarsien tal-ġid komuni.

Il-piżijiet żejda huma xkiel għal kulħadd, speċjalment għan-negozji ż-żgħar. Għaldaqstant, il-Gvern jisħaq fuq servizz pubbliku iżgħar u aktar effiċjenti, li jirrispondi għall-ħtiġijiet tan-negozju malajr, u li jiffaċilita lill-intrapriżi tagħna biex jikbru fid-daqs, fil-ħiliet, u fil-kapaċitajiet tagħhom għall-innovazzjoni.

Mr. Speaker,

Wettaqna numru kbir ta' miżuri b'risq l-intrapriża u l-oqsma tan-negozju f'pajjiżna. Dan mhux biżżejjed u għalhekk:

- Bl-iskop li nkomplu ninkoraġġixxu aktar negozji jużaw is-servizzi *online* tal-Gvern, iddeċidejna li nagħtu vantaġġ lil min juża s-servizz elettroniku billi nemendaw il-liġi tal-VAT biex dawk in-negozji li jibgħatu d-denunzja tal-VAT flimkien mal-ħlas tagħha *online,* jingħataw żieda fil-perjodu sa sebat ijiem wara li tagħlaq id-data stabbilita tad-denunzja. B'hekk tiġi vantaġġjata l-*cash flow* tan-negozju u jiġi mgħejjun il-kummerċ fil-pajjiż;

- Mill-1 ta' Jannar li ġej, se nneħħu l-obbligi ta' reġistrazzjoni għall- persuni li għandhom *turnover* li ma jkunx jaqbeż is-sebat elef ewro fis-sena;

- Se nwaqqfu Fond għat-Taħriġ fl-Intraprenditorija, li permezz tiegħu, il-kulleġġi tagħna jkunu jistgħu jiffinanzjaw proġetti edukattivi;

- Se noħolqu *clearing house* għal kull stħarriġ mis-settur pubbliku biex nevitaw talbiet għall-istess tagħrif mill-intrapriżi tagħna;

- Ir-regolamentazzjoni trid tidħol biss fejn huwa essenzjali, waqt li tispiċċa fejn mhix meħtieġa. Fejn possibbli, se nesiġu li tiddaħħal *sunset clause* f'kull regolamentazzjoni ġdida; u

- Se ndaħħlu sett ta' Linji Gwida dwar il-Konsultazzjoni biex il-konsultazzjon ssir b'mod aktar effettiv.

Il-Gvern jemmen li l-mudell tal-koperattivi fil-qasam tan-negozju jista' joffri lil ħafna persuni opportunità li jieħdu r-riedni tal-futur tagħhom f'idejhom billi jingħaqdu ma' oħrajn biex flimkien joħolqu

x-xogħol għalihom infushom u oħrajn. Dan jagħmluh billi jwaqqfu intrapriża li toffri tmexxija demokratika, b'awtonomija, b'impenn għall-edukazzjoni u taħrig f'qafas ta' negozju vijabbli li huwa aktar etiku u soċjalment ġust.

Il-Gvern jibqa' kommess li jara li fil-pajjiż ikun hawn ambjent soċjali, ekonomiku u leġislattiv li jiffavorixxi l-ħolqien ta' koperattivi ġodda u jsaħħaħ il-qagħda ta' dawk eżistenti. Dan billi jirrevedi leġislazzjoni u inċentivi eżistenti sabiex jassigura *level playing field* fis-setturi fejn dawn joperaw. Biex il-Gvern jgħin il-Koperattivi b'mod aħjar se jestendi l-*Impact Assessment* fuq kull leġislazzjoni biex barra l-SMEs tkopri wkoll is-settur tal-koperattivi.

Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ fi ħdan iċ-Ċivil, se jħarreġ il-ħaddiema tiegħu sabiex jifhmu aħjar il-ħtigijiet partikolari tan-negozju u jkabbar kultura ta' appoġġ lin-negozju mal-ħaddiema kollha tas-settur pubbliku. Dan b'investiment ta' 800,000 ewro.

**Inħarsu l-aħjar interess tal-konsumatur**

*Twaqqif ta' Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur*

Mr. Speaker,

Dan il-Gvern dejjem ta priorità lill-konsumatur. Il-liġi ġdida li fassalna għandha tistabbilixxi l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur. Din il-liġi se tkun ppubblikata dalwaqt.

Irridu li din l-Awtorità:

- issaħħaħ il-politika tal-kompetizzjoni u l-politika tal-konsumatur;
- taġixxi bħala l-korp nazzjonali dwar l-i*standards*;

- tiżgura li l-adozzjoni ta' regolamenti tekniċi ssir mingħajr xkiel; u
- li tipproteġi s-saħħa pubblika permezz tar-regolamentazzjoni ta' prodotti mediċinali u attivitajiet farmaċewtiċi.

Bis-saħħa ta' dan l-eżerċizzju, u emendi fil-Liġi dwar il-Kompetizzjoni, irridu swieq li jiffunzjonaw aħjar għall-benefiċċju tal-konsumatur u tas-sidien tan-negozji.

Iċ-ċittadini tagħna jistħoqqilhom l-aħjar servizzi. Mis-sena d-dieħla, se tiddaħħal il-metroloġija legali fejn jiġi vverifikat regolarment kull apparat li fuqu joħroġ kont lill-konsumatur. Dan jinkludi l-pompi tal-petrol, il-*metres* tat-taxis, l-i*speed cameras*, il-*cameras* tas-CVA, il-magni li jibbottiljaw iċ-ċilindri tal gass, u l-imwieżen fil-ħwienet. Ħadd m'għandu jħallas iżjed milli hu obbligat.

Se ndaħħlu fis-seħħ ukoll, regolamenti ġodda dwar il-kreditu, imfassla apposta biex iħarsu l-interess tal-konsumatur.

Mr. Speaker,

L-informazzjoni hija l-aqwa arma għall-konsumatur. Għalhekk, se nibdew kampanja ta' *empowerment* għall-konsumatur u se nniedu pubblikazzjoni apposta, b'informazzjoni għall-konsumaturi Maltin u Għawdxin dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq.

*Roħs fil-Mediċini*

Kif wegħdna wkoll fl-aħħar baġit, qed naħdmu biex nassiguraw roħs fil-prezzijiet tal-mediċini. Fuq numru ta' mediċini wasalna. S'issa ħabbarna roħs f'aktar minn 90 mediċina għal diversi mard u kundizzjonijiet.

Mhux se nieqfu hawn. Għadna għaddejjin bit-taħditiet mal-importaturi u mal-kumpaniji tal-farmaċewtika li jissupplixxu s-suq lokali fuq numru ta' mediċini.

Se nkomplu naħdmu biex nassiguraw aktar roħs fuq firxa usa' ta' mediċini għax irridu niggarantixxu li l-prezzijiet tal-mediċini f'pajjiżna jkunu f'livelli Ewropej.

## 3.3 Is-settur tat-turiżmu

Mr. Speaker,

Wara t-taqlib fis-settur turistiku internazzjonali fl-aħħar nofs tal-2008 u fl-2009, matul din is-sena bdejna nirpiljaw u qed noqorbu lejn l-aqwa riżultati li kiseb pajjiżna qatt f'dan is-settur.

Il-moviment ta' passiġġieri fl-ajruport internazzjonali ta' Malta f'Settembru żdied bi 15.4 fil-mija, meta mqabbel ma' l-istess xahar tas-sena ta' qabel. B'hekk, għat-tielet xahar konsekuttiv, reġa' kellna numru rekord ta' turisti.

Qed niksbu l-aħjar riżultati fost il-pajjiżi kompetituri tagħna fil-Mediterran. Filwaqt li aħna żidna 12 fil-mija fin-numru ta' turisti li żaru pajjiżna, il-pajjiżi kompetituri tagħna kellhom żidiet iżgħar.

Ma konniex niksbu dawn ir-riżultati li kieku ma ħdimniex biex ikollna iżjed rotot bl-ajru, biex insaħħu l-*marketing* u r-reklamar intensiv, u biex intejbu l-prodott tagħna.

Illum pajjiżna għandu servizzi bl-ajru *scheduled non-stop* ma' 76 ajruport. Iż-żieda fir-rotot minn u lejn l-Italja, Spanja u l-pajjiżi Skandinavi wasslet biex żidna sostanzjalment in-numru ta' turisti minn dawn it-tliet destinazzjonijiet.

Mr. Speaker,

Din is-sena qed nallokaw is-somma rekord ta' 35 miljun ewro lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu biex tkompli bil-ħidma tagħha, u ma nitilfux mir-ritmu li qbadna. Se nkomplu ntejbu l-prodott turistiku Malti, filwaqt li nkomplu ngħinu lill-operaturi tal-lukandi, ristoranti u aġenti marbuta mas-settur turistiku. Għalhekk:

- B'fond ta' 10 miljun ewro, se ngħinu negozji fis-settur turistiku biex jiżviluppaw il-prodott tagħhom;
- Se nkomplu bit-twettieq tal-proġett tal-Ġonna ta' Pembroke u l-*Aquarium* f'Buġibba, b'investiment ta' 11-il miljun ewro;
- Se nkomplu ninċentivaw attivitajiet fl-ibliet u l-irħula biex it-turisti jiġu attirati wkoll lejn dawn il-lokalitajiet;
- Se ninvestu aktar f'żoni turistiċi b'investiment ta' 6.5 miljun ewro;
- Se nkomplu bi proġetti ta' tisbiħ f'żoni rurali, b'investiment ta' 1.6 miljun ewro;
- Se nkomplu nwettqu programm ta' 3 miljun ewro għal titjib fil-kapaċitajiet u l-kwalifiki ta' persuni li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu fil-livell maniġerjali;

L-istorja u l-kultura ta' pajjiżna huma wkoll mezz biex nagħtu lit-turist dak il-valur miżjud li ma jsibx f'destinazzjonijiet oħrajn. Għalhekk, f'dawn l-aħħar snin investejna f'dan il-qasam hekk importanti. U hekk bi ħsiebna nkomplu nagħmlu.

Wara li f'Settembru li għadda varajna l-proġett taċ-Ċentru tal-Viżitaturi u tined protettivi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, b'investiment ta' 4.7 miljun ewro, issa jmiss li nibnu *nature trail*, fil-pajsaġġ naturali fl-isfond tal-Park Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

Bdejna bix-xogħol fuq il-proġetti ta' l-Ġgantija f'Għawdex, it-tempji ta' Ħal Tarxien, il-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat, il-Banjijiet Rumani ta' Għajn Tuffieħa, u l-Katakombi ta' Bistra fil-Mosta. Dan ix-xogħol huwa mistenni li jitlesta lejn l-aħħar tal-2013, b'investiment ta' 14-il miljun ewro.

Dan filwaqt li bdejna bix-xogħol fil-Forti ta' Sant'Anġlu, u qed inħejju pjan biex, 'il quddiem, jitwettaq proġett aktar vast għar-restawr u r-rijabilitazzjoni ta' dan il-Forti.

Se nkomplu nagħtu għajnuna lill-lukandi u r-ristoranti bl-iskema ta' sussidju fuq l-interessi għal proġetti ta' *upgrading* u titjib tal-prodott turistiku. Diġà allokajna madwar 1.7 miljun ewro lil 35 stabbiliment biex jimplimentaw proġetti ta' konservazzjoni u ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa. Nemmnu li xorta għandna nibqgħu ngħinu lil dan is-setter biex jibqa' kompetittiv. Għaldaqstant, se nniedu skema ta' *soft loans* immirata għas-settur tal-lukandi u r-ristoranti għal proġetti li jnaqqsu d-dipendenza fuq enerġija tradizzjonali, u biex tiġi ġġenerata enerġija nadifa.

Fil-baġit ta' sentejn ilu, konna ħabbarna li, bi ftehim mal-MHRA, konna se nżidu l-fondi lill-MTA b'erba' miljun ewro biex inkomplu inkattru s-settur tat-turiżmu f'pajjiżna. Qbilna li kellha tidħol taxxa ta' 50 ċenteżmu fuq kull lejl li turist jagħmel f'pajjiżna. Eventwalment, l-MHRA talbet li d-dħul ta' din il-miżura jkun sospiż u li jinstab metodu alternattiv ta' kif din tinġabar. Matul l-2010, il-Gvern kompla jiddiskuti mal-MHRA biex insibu l-aħjar formola. Ma naħsbux li l-proposta ta' taxxa fuq l-ivjaġġar hi l-aħjar soluzzjoni. Din tolqot sostanzjalment lill-Maltin u jkollha impatt fuq l-Airmalta.

Fid-dawl ta' dan kollu, mill-ewwel ta' Jannar, il-Gvern se jgħolli r-rata tal-VAT fuq l-akkomodazzjoni kollettiva u privata minn 5 għal 7 fil-mija. Wieħed irid jiċċara li l-prodotti u servizzi l-oħra li sal-lum kienu bil-5 fil-mija se jibqgħu l-istess. Minn din il-miżura, il-Gvern qed jistma li se jdaħħal sitt miljun ewro fis-sena.

Mr. Speaker,

Is-suċċess li kellna fit-turiżmu matul din is-sena huwa wkoll indikazzjoni ċara tal-bidliet radikali li għaddejjin illum il-ġurnata fil-qasam tal-ivvjaġġar minħabba s-servizzi offruti mill-*low cost carriers*. Dan qed ikollu impatt kbir fuq l-Airmalta u qed jagħfas b'mod qawwi ħafna fuq id-dħul tal-kumpanija. Din ir-realtà tibqa' anke li kieku jkollna nagħlqu l-bieb għal-*low cost carriers* għax il-prezz tal-vjaġġ huwa kruċjali fl-għażla tat-turist. Apparti li deċiżjoni bħal din tkisser it-turiżmu meta kwart tat-turisti qed jiġu b'dawn l-ajruplani.

Din hija realtà li ma nistgħux naħarbu minnha. Ir-responsabbiltà tfisser li nindirizzaw l-isfidi ta' quddiemna b'mod għaqli .

Għal dawn l-aħħar xhur, il-Gvern kien f'diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea biex isib l-aħjar triq kif insostnu l-Airmalta. Il-Gvern kien qed ifittex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex jagħmel injezzjoni kapitali sostanzjali b'investiment ta' 'l fuq min 100 miljun ewro.

Pajjiżna ma jistax ma jkollux il-linja nazzjonali tiegħu. Iżda r-responsabbiltà tfisser li nagħrfu l-bidliet radikali li għaddejjin. Matul il-ġranet li ġejjin il-Gvern irid jaħdem mal-*unions* u l-*istakeholders* kollha, inkluż l-Oppożizzjoni, fuq dan.

Jekk nagħżlu li ma nagħrfux dan illum ikollna nħallsu prezz għoli wisq aktar 'il quddiem.

## 4. Infrastruttura

L-infrastruttura nazzjonali hija element bażiku fl-iżvilupp ta' pajjiżna, u fil-ħidma tagħna għall-ħolqien tax-xogħol. Hawnhekk ukoll pajjiżna jixraqlu l-aħjar, u għalhekk għażilna li jkollna nfrastruttura tal-ogħla *standards*.

### 4.1 Toroq ġodda arterjali u residenzjali

Mr. Speaker,

Se nkomplu bix-xogħol fuq it-triq li tgħaqqad it-truf tal-gżejjer tagħna mal-portijiet u ċ-ċentru urban. Se ninvestu 41 miljun ewro għall-bini tat-toroq bejn iċ-Ċirkewwa u t-Torri l-Aħmar, bejn il-Marsa u Ħal Luqa, l-aċċess mill-Menqa tal-Marsa għat-terminal tal-passiġġieri fil-Port il-Kbir, u t-triq bejn ix-Xewkija u r-Rabat f'Għawdex. Lestejna x-xogħol fuq żewġ toroq ewlenin oħra, dawk li jagħtu aċċess għall-kommunitajiet ta' Wied il-Għajn u ż-Żurrieq. Bdejna l-proċess għall-bini tat-toroq fil-Kappara, it-triq tax-xatt bejn Pembroke u l-Qawra, u t-triq bejn il-Mellieħa u t-Torri l-Aħmar.

Il-Gvern se jinvesti 15-il miljun ewro, miljun ewro iżjed minn din is-sena, biex ikompli l-programm estensiv ta' toroq ġodda f'żoni residenzjali u arterjali. Numru minn dawn qed jinbnew għall-ewwel darba. Sal-aħħar ta' din is-sena se jkunu nbnew 65 triq ġdida. Imbagħad, matul l-ewwel nofs tas-sena d-dieħla se nagħmlu aktar minn 80 triq ġdida. Dan ifisser li, mill-lista ta' toroq ippubblikati hawn fil-Parlament, ikun għad baqa' mal-100 triq x'jinbnew, li numru minnhom ippjanati li jitlestew sal-aħħar tas-sena.

Din is-sena ħaddimna għall-ewwel darba, il-kunċett tal-*public private partnership* fit-toroq residenzjali permezz ta' proġett pilota fi tliet lokalitajiet. Sar ukoll *ring-fencing* ta' aktar minn ħames miljun ewro oħra mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali li bihom jistgħu jsiru xogħlijiet fit-toroq biss. Dan wassal biex bħalissa qed isiru

xogħlijiet fuq 475 triq residenzjali f'49 belt u raħal, u b'investiment komplessiv ta' 14-il miljun ewro. Minn dawn it-toroq se jkunu qed igawdu eluf ta' familji Maltin u Għawdxin li jgħixu fihom u n-negozji tagħhom fihom.

Irridu li aktar Kunsilli Lokali jibbenefikaw minn din l-iskema sabiex inkomplu ntejbu l-qafas ta' toroq residenzjali fil-lokalitajiet tagħna.

## 4.2 Riforma tat-trasport pubbliku

Mr. Speaker,

It-trasport għandu mpatt enormi fuq il-kwalità ta' l-arja u l-kwalità ta' ħajja. Għalhekk, se nkomplu numru ta' inizjattivi u se nieħdu oħrajn ġodda li għandhom iwasslu għal titjib sinifikanti fl-arja.

Ir-riforma fit-trasport pubbliku se tkompli biex ikollna servizz riformat u ta' kwalità. Il-flotta kollha tas-servizz se tkun *Euro V*, l-aktar teknoloġija nadifa u moderna. Il-karozzi kollha se jkunu aċċessibbli għal min juża l-*wheelchair* jew isibha diffiċli li jitla' t-taraġ. Dan il-proċess ta' tiġdid se jsir fl-istess waqt li, l-ispiża ma togħliex għal min illum juża s-servizz tat-trasport pubbliku b'mod regolari, u l-anzjani u l-istudenti tagħna jibqa' jkollhom prezzijiet imraħħsa.

Se nassiguraw li rħula żgħar u dawk imbegħdin jingħataw servizz ta' trasport, anke jekk dan ma jkunx profitabli u li f'Għawdex ikun hemm alternattiva vijabbli u regolari għal karozza privata.

Ir-riforma tat-trasport pubbliku se ġġib lejn pajjiżna investiment dirett minn operatur b'esperjenza f'ħafna pajjiżi oħra. Se ġġib kompetenza, esperjenza u taħriġ, filwaqt li se taġġorna s-servizz li jingħata f'Malta mal-prattiċi moderni li hemm fi bliet u pajjiżi oħra. Se jinħolqu mal-elf impjieg f'dan is-settur li, minbarra li jagħti servizz, se jkun qiegħed jagħti kontribut għall-ekonomija ta' pajjiżna.

**Inċentivi għal vetturi privati nodfa**

Matul l-aħħar snin, bdejna riforma bl-iskop li jkun hawn vetturi aktar nodfa, iżgħar u ġodda fit-toroq Maltin. Fl-2009 irriformajna t-taxxa tar-registrazzjoni u liċenzjar ta' vetturi magħrufa bħala M1, biex issa din hija kkalkulata fuq l-emmissjonijiet, it-tul ta' vettura, u l-valur tagħha.

Biex inkomplu nibnu fuq din ir-riforma, se ninċentivaw lill-pubbliku biex jiskrappja karozza qadima  meta dan jixtri waħda ġdida. Il-karozza l-ġdida irid ikollha livell baxx  ta' emissjonijiet, tagħmel anqas ħsara lill-ambjent u ta' daqs stipulat. Meta min jixtri karozza ġdida ma jkunx se jiskrappja karozza qadima, nofs il-benfiċċju jmur biex jitneħħew karozzi antiki mit-triq. Il-benefiċċju se jkun ta' 15.25 fil-mija fuq il-valur tal-vettura, sa massimu ta' elfejn ewro. B'din l-iskema se nimmiraw li nneħħu mit-triq madwar elfejn karozza.

L-iskema li se tidħol fis-seħħ mill-15 ta' Novembru li ġej u se tibqa' fis-seħħ għal sena, jew sa meta tintlaħaq il-mira.

Biex ninċentivaw aktar ukoll il-vetturi *hybrid* qed nemendaw il-liġi biex fil-komputazzjoni tat-taxxa ta' reġistrazzjoni l-valur ta' dijossidju tal-karbonju jitnaqqas bi 30 fil-mija, minn 20 fil-mija.

**Vetturi elettriċi**

Matul is-snin li ġejjin hu previst żvilupp qawwi fit-teknoloġija ta' karozzi elettriċi, li hi teknoloġija nadifa. Malta għandha oġġettiv indikattiv ta' 5,000 vettura elettrika sas-sena 2020 bħala parti mill-pjan ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. Biex nibdew inwettqu l-programm tagħna favur id-dħul ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, qed nivvutaw is-somma inizjali ta' 400,000 ewro.

Għandna bżonn infrastruttura ta' *charging points* għar-*recharging*. Mis-sena d-dieħla se jibdew jiġu nstallati numru ta' *charging points* f'siti strateġiċi u se titwaqqaf enti li tkun tmexxi din il-katina ta' *charging points*.

Il-Gvern jifhem li l-prezz ta' dawn it-tip ta' vetturi huwa ogħla meta mqabbel ma' vetturi konvenzjonali. Għalhekk, barra mill-benefiċċju ta' l-iskema dwar xiri ta' karozzi ġodda wara li tkun skrappjata waħda qadima li ħabbart qabel, qegħdin ukoll noffru skema fejn persuna li tixtri vettura elettika tista' tibbenefika minn sussidju sa 5,000 ewro għall-installazzjoni ta' *grid-connected renewable energy sources*. Ma' dan se nniżżlu l-liċenzja annwali ta' ċirkolazzjoni minn 75 għal 10 ewro għall-vetturi elettriċi kollha.

Qegħdin noffru wkoll tnaqqis ta' taxxa fuq il-kumpaniji ekwivalenti għal 125 fil-mija fuq ammonti li kumpaniji jonfqu fuq vetturi elettriċi. Ma' dawn il-Gvern se jagħti wkoll għotja fuq taħriġ fil-qasam tas-servizzi tekniċi lill-ħaddiema fis-settur.

Għal vetturi kummerċjali, wara li fil-baġit tas-sena li għaddiet biddilna t-taxxa għal waħda bbażata fuq il-kunċett ta' min iħammeġ l-anqas iħallas l-anqas, din is-sena qed indaħħlu wkoll l-kunċett ta' deprezzament, skont is-sena u l-mili tal-vettura. Dan biex inkomplu nagħmlu s-sistema tagħna waħda aktar trasparenti u ġusta.

**Żieda fis-sisa fuq il-fjuwil**

Il-fjuwil jibqa' l-akbar sors tat-tniġġiż f'pajjiżna. Nemmnu li meta hemm il-ħtieġa ta' xi żidiet fiskali, dawn għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas. Issa li se ninvestu f'sistema ta' trasport pubbliku aktar effiċjenti u nadifa, qed nieħdu d-deċiżjoni li s-sisa fuq il-fjuwil tiżdied bi tliet ċenteżmi fil-litru, b'effett immedjat. Mill-bidu tas-sena d-dieħla se jidħol l-obbligu li jintuża proporzjon ta' *renewable* fjuwil flimkien maż-żjut minerali li diġà hawn fis-suq. Għalhekk, biex wieħed iħajjar l-użu tal-*biodiesel*, l-

eżenzjoni li kien hemm mit-taxxa tas-sisa, issa se titneħħa. Se jittieħdu passi wkoll biex ninkoraġġixxu l-użu ta' fjuwil bijoloġiku magħmul minn materjal irkuprat u riċiklat.

## 4.3 Investiment fil-provvista ta' l-enerġija

Mr. Speaker,

L-ekonomija hija marbuta mas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija.

L-investiment fl-estensjoni tal-*power station* ġewwa Delimara, u l-proġett tal-*interconnector* ma' Sqallija, huma żewġ proġetti essenzjali għal aktar postijiet tax-xogħol u biex pajjiżna jibqa' jikber ekonomikament. L-estensjoni tal-*power station,* investiment ta' 165 miljun li mistenni jitlesta fl-2012, tagħti attenzjoni partikolari lill-ambjent. Kif ħabbarna matul din is-sena, l-emissjonijiet ġenerati mill-impjant se jkunu magħrufa u aċċessibli kontinwament, u se jkun assigurat li dawn ikunu konformi mal-*istandards* kollha Ewropej. Qed ninvestu wkoll miljun ewro biex nimmodifikaw il-*boilers* ta' Delimara u b'hekk inkomplu nnaqqsu l-emissjonijiet.

Il-proġett tal-*interconnector* se jgħinna nindirizzaw l-fatt li pajjiżna huwa kompletament dipendenti fuq iż-żejt, kif ukoll ir-riskji marbuta mar-realtajiet ġeografiċi tagħna. Dawn il-proġett se igħinuna nilħqu il-miri stabbiliti mill-Unjoni Ewropea u l-ambjent.

Se nkomplu ninvestu kontinwament fit-tisħiħ tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku. Sa llum ġew installati mat-32,000 *smart meter*. Ir-rata ta' stallazzjoni qiegħda tiżdied u l-mira tagħna hija li l-*ismart meters* kollha jkunu nstallati sa tmiem l-2012. Dan il-proġett għandu jwassal biex il-familji tagħna jkunu jistgħu jikkontrollow aħjar il-konsum tagħhom u jiġi kontrollat aħjar is-serq ta' l-elettriku li jispiċċaw iħallsu għalih il-familji u n-negozji onesti.

**Aktar enerġija nadifa u konservazzjoni ta' l-ilma**

Mr. Speaker,

L-ambjent se jibqa' wieħed mill-pilastri ewlenin fil-ħidma ta' dan il-Gvern. L-isfidi ambjentali ma jingħelbux bid-diskors, iżda b'għażliet li jsiru.

Hemm bżonn li pajjiżna jiġġenera aktar enerġija minn sorsi nodfa. B'hekk, uliedna jgawdu minn livell ta' saħħa aħjar.

B'sodisfazzjon ngħid li daħlu 'l fuq minn 2,000 applikazzjoni għall-inċentiv għal xiri ta' panelli fotovoltajċi li ħabbarna fil-baġit li għadda. Se nkomplu bil-proċess sabiex jiġu nstallati pannelli fotovoltajċi fuq 67 elf metru kwadru ta' soqfa pubbliċi..

Matul is-sena d-dieħla se nerġgħu niftħu l-iskema ta' għajnuna għal xiri ta' *solar water heaters* biex tikkumplimenta l-iskema eżistenti. Għal dan il-għan qegħdin nallokaw is-somma ta' 800,000 ewro, u se nagħtu sussidju sa massimu ta' 400 ewro, fuq il-prezz ta' dan l-apparat. Madwar 2,000 familja oħra mistennija jibbenifikaw minn din l-iskema.

Se ninvestu miljun ewro biex jitkomplew l-istudji ambjentali, u studji oħrajn, dwar il-vijabilità li jsiru l-*windfarms*, fl-art u fil-baħar, skont l-applikazzjoni li l-Gvern tefa' mal-MEPA. Se ninvestu wkoll biex niksbu aktar enerġija nadifa mill-iskart.

Qed ninvestu wkoll 60 miljun ewro għall-proġett tal-impjant tad-drenaġġ ġewwa Ta' Barkat se jkompli jtejjeb il-kwalità ta' l-ilma li narmu, u b'hekk jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent ta' madwarna. Ix-xogħol huwa avvanzat, u mistenni jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena. Barra minn hekk, se nlestu wkoll il-*pumping station* ġewwa l-Għarb. Dan se jfisser li, mis-sena d-dieħla, se nkunu qed nitrattaw id-drenaġġ kollu ġenerat ġewwa pajjiżna.

Il-preparamenti marbuta man-*National Flood Relief Project*, proġett ta' 56 miljun ewro mexjin sewwa. Diġà ħarġu tliet permessi tal-MEPA u għaddej l- EIA fuq elementi oħra. Is-sena d-dieħla mistenni jibda x-xogħol f'erba' lokalitajiet.

## 4.4 Infrastruttura marittima

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-infrastruttura marittima, se nibdew xogħolijiet ta' tiswija fuq il-*breakwater* tal-Port il-Kbir. Dan, fl-aħħar, se jerġa' jitgħaqqad b'pont għall-ewwel darba mit-Tieni Gwerra Dinjija. B'investiment ta' 10.6 miljun ewro matul it-tliet snin li ġejjin, se jsiru xogħlijiet fuq id-*Deep Water Quay*, u faċilitajiet għall-passiġġieri tal-*cruise liners* max-Xtut tal-Belt u tal-Isla.

Wara l-approvazzjoni tal-MEPA se jinbena lift mill-Port sal-Barakka ta' Fuq li se jagħti aċċess importanti u komdu lill-eluf li jżuruna bil-*cruise liners*. Dan għandu jħajjar ukoll lil dawk interessati, biex jerġgħu jibdew il-vjaġġi regolari bil-baħar bejn il-Belt u l-Kottonera.

# 5. Għawdex

Mr. Speaker,

Għalina Għawdex għandu potenzjal kbir u opportunitajiet uniċi. Hawnhekk, il-politika tagħna hija mmirita biex:

- ikun żviluppat il-potenzjal ta' din il-gżira;
- tiġi sostnuta l-ekonomija distinta ta' Għawdex; u
- u jissokta l-investiment fis-setturi ekonomiċi u soċjali tagħha.

Għalhekk, għas-sena d-dieħla se nallokaw 73.4 miljun ewro, żieda ta' 2.3 miljun fuq din is-sena.

Mr. Speaker,

Il-Viżjoni Eko-Għawdex tħares l-interessi speċifiċi t'Għawdex, billi tippromwovi titjib kontinwu u ntegrat fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tiegħu. Dan filwaqt li tipproteġi l-ambjent naturali u l-identità tal-gżira. Għal din il-Viżjoni, il-Gvern ivvota 25 miljun ewro biex jintefqu fuq proġetti fuq tliet snin.

Inħarġu l-offerti għal xogħlijiet infrastrutturali fil-*farm* tal-Gvern fix-Xewkija, biex dan il-post jiġi żviluppat f'Ċentru ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fl-Agrikoltura waqt li għaddejja ħidma fuq il-proġett tar-restawr tal-fortifikazzjonijiet.

Qed innaddfu l-ilqugħ ta' l-ilma tax-xita fil-Wied ta' Żejta, u fil-wied ta' Marsalforn, u qed intejbu l-faċilitajiet għall-ħażna ta' l-ilma tax-xita fix-xhur tax-xitwa.

Qed nibnu mill-ġdid it-toroq tax-Xlendi, u ta' Ta' Pinu, filwaqt li ħerġin l-offerti għal xogħlijiet fuq Triq Franġisk Portelli, Triq San Lawrenz u Triq il-Ġebla tal-Ġeneral.

Ftaħna l-iskola sekondarja ġdida tas-subien fir-Rabat li qed toffri servizzi edukattivi lil madwar 750 student, u għaddejjin numru ta' xogħlijiet strutturali fi skejjel madwar Għawdex. Nidejna pakkett ta' riżorsi għall-għalliema, b'temi marbutin ma' l-iżvilupp sostenibbli u ma' l-identità tal-gżira Għawdxija.

Fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, sar investiment f'faċilitajiet ġodda li għandhom itejbu s-servizzi għall-pazjenti tagħna. Fost l-oħrajn, dan jinkludi t-twaqqif ta' *Radiology Unit* ġdid u *refurbishment* tas-sala ta' l-operazzjonijiet.

Din is-sena, ġie kummissjonat studju li se jiddetermina l-aħjar protezzjoni għall-bajja ta' Marsalforn bir-rikostruzzjoni tal-*break water*. Il-*yacht marina* ta' l-Imġarr ġiet privatizzata, filwaqt li beda x-xogħol fuq il-*promenade* max-xatt tal-baħar.

Għas-sena li ġejja se:

- nagħlqu l-aħħar *outfall* tad-drenaġġ;
- ikun hemm aktar spazji rikreattivi għall-familji u proġetti t'afforestazzjoni u tisbiħ mal-gżira kollha, fosthom ġnien pubbliku ġdid ġewwa Marsalforn.
- niżviluppaw strateġija għar-riżorsi umani sabiex il-bżonnijiet tal-industrija jiġu milqugħa aħjar;
- nniedu kampanja ta' reklamar internazzjonali ta' nofs miljun ewro għal Għawdex bħala destinazzjoni separata;
- nibdew riċerka dwar il-potenzjal tar-riħ bħala sors ta' enerġija alternattiva ġewwa Għawdex;
- nużaw l-ilma li qed jipproduċi l-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ għall-użu sekondarju bħal dak fis-settur agrikolu;

- nibdew nibnu pixxina fil-magħluq wara li issa ħarġu l-permessi neċessarji;
- nkomplu bix-xogħlijiet ta' *refurbishment* fid-Dipartiment tad-Dentistrija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex; u
- nkomplu bix-xogħol fuq proġetti mibdija ta' toroq, filwaqt li jinħarġu l-offerti għal toroq oħra.

Fuq kollox, determinati li nkomplu naħdmu biex Għawdex jilqa' għall-isfidi li qed jaffaċċja, u jkompli miexi 'il quddiem.

# 6. L-edukazzjoni u l-ekonomija tal-kreattività

## 6.1 L-edukazzjoni prijorità għal ġid ta' uliedna

Mr. Speaker,

L-edukazzjoni hija l-aqwa politika ekonomika, l-aqwa politika soċjali, u l-aqwa politika ambjentali li jista' jħaddan pajjiżna. L-edukazzjoni hija l-garanzija tas-suċċess ta' pajjiżna.

Nemmnu li kull bniedem għandu jkollu l-opportunitajiet kollha biex jiżviluppa lilu nnifsu sal-massimu possibbli. Il-kompetittività ta' pajjiżna wkoll tiddependi minn kemm ninvestu fl-edukazzjoni ta' uliedna u tal-poplu kollu.

Għamilna passi ta' ġgant. Qed ninvestu miljuni fis-sena biex kull tifel u tifla, żagħżugħ u żagħżugħa, u persuni ta' età aktar matura, jikbru fil-ħiliet tagħhom u jkollhom l-opportunitajiet kollha edukattivi.

Irridu nagħmlu iżjed. Nagħmlu kemm nagħmlu f'dan is-settur qatt mhu biżżejjed.

L-investiment li qed nipproponu għall-edukazzjoni matul is-sena d-dieħla huwa ta' 330.1 miljun ewro.

**L-edukazzjoni bikrija, primarja u sekondarja**

Mr. Speaker,

L-investiment fl-edukazzjoni bikrija qabad ritmu tajjeb. Iċ-Ċentri tat-Tfal qed joffru servizz ta' kwalità għat-tfal f'età bikrija waqt li qed jagħtu l-opportunità lill-ġenituri ta' dawn it-tfal li jkomplu jitħarrġu u jaħdmu. F'dawn l-aħħar snin ftaħna numru ta' Ċentri tat-Tfal. Wara li għinna lil għadd ta' ċentri jilħqu l-livelli stabbiliti, issa qed noffru nċentivi liċ-ċentri reġistrati u lill-ġenituri. Matul is-sena li

ġejja se niftħu għadd ta' ċentri oħra, fosthom f'Santa Venera u l-Furjana.

Ir-riforma fil-mod kif it-tfal jimxu mill-edukazzjoni Primarja għall-edukazzjoni Sekondarja miexja kif kien ippjanat. Minn din is-sena, it-tfal tas-sitt sena primarja qed jaħdmu programm li jiffoka aktar fuq il-bżonnijiet individwali tagħhom milli fuq l-eżamijiet. Din hi riforma mportanti ħafna sostnuta mis-sistema tal-kulleġġi li bdejna ftit snin ilu.

Ma' din ir-riforma, qed nirrevedu l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali u s-Sillabu, u dalwaqt tibda konsultazzjoni pubblika dwar dan.

Issa jmiss ukoll li nindirizzaw dik il-mixja bejn is-Sekondarja u l-Post-Sekondarja. Se nħarsu lejn il-MATSEC, bil-għan li nkomplu noffru *standards* tal-ogħla kwalità waqt li nħajru aktar studenti jkomplu bl-istudji tagħhom. Dan l-eżerċizzju se jinkludi analiżi ta' l-impatt li l-eżamijiet u l-forom oħra ta' assessjar qed iħallu fuq l-istudenti u l-familji tagħhom, l-istruttura edukattiva u d-dinja tax-xogħol. L-għan tal-Gvern hu li l-istudenti kollha jispiċċaw l-edukazzjoni obligatorja b'kapaċità li jkomplu jitgħallmu tul ħajjithom kollha.

Fl-2011, il-Gvern se jikkummissjona sistema ġdida ta' *eLearning* li biha se nkomplu naġġornaw l-edukazzjoni ta' uliedna b'mezzi elettroniċi. Diġà qegħda fuq quddiemnett fit-tghammir elettroniku fl-iskejjel. Anke t-tfal fil-klassijiet tal-*Kinder* għandhom il-komputers, u bdejna b'proġett pilota fejn it-tfal fil-primarja qegħdin jagħmlu użu min-*netbooks* għall-istudji tagħhom.

Qegħdin inżidu l-faċilitajiet għat-tagħlim fil-mużika, drama, arti u sport. Din is-sena bdejna noffru wkoll tagħlim u tagħrif fil-mużika fl-lokalitajiet different, biex b'hekk nilħqu aktar studenti. Infatti n-numru ta' applikanti żdied sostanzjalment. Fl-istess ħin qegħdin

inħarsu lejn ristrutturar u renovazzjoni tal-iskola tal-Musika Johann Strauss, biex tkun l-akkademja tal-mużika li nixtiequ jkollna f'pajjiżna.

Mr. Speaker,

M'għandix dubju li din il-Kamra kollha taqbel meta nuri apprezzament speċjali tal-Gvern lill-atturi prinċipali fl-edukazzoni ta' uliedna. Mijiet ta' għalliema jaħdmu u jistinkaw kuljum b'tant dedikazzjoni biex uliedna jieħdu l-aqwa edukazzjoni u formazzjoni. Ftit tal-ġimgħat ilu għalaqna ftehim ġdid mal-*Union* tal-Għalliema. Dan il-ftehim ġdid hu xhieda ċara tal-fiduċja kbira li l-Gvern għandu fl-edukaturi tagħna. Huwa ftehim li jipprovdi l-għodda neċessarja biex l-għalliema jilħqu l-aqwa fil-professjoni tagħhom.

Se nkomplu nwettqu bl-għażla tagħna li niftħu skola ġdida kull sena. Din is-sena se nkunu ftaħna l-iskola Sekondarja tas-subien fir-Rabat Għawdex. Is-sena d-dieħla se nlestu kompletament l-iskola taż-Żokrija fil-Mosta, u fl-2011 nibdew biex fl-2012 inlestu l-iskola sekondarja tal-bniet ġdida fil-Kulleġġ Sant'Injazju f'Ħal Qormi. Fl-2013 se nlestu l-iskola sekondarja ġdida tal-bniet fil-Kulleġġ San Benedittu.

Mr Speaker,

Dawn huma l-għażliet tagħna għal uliedna.

Fl-istess ħin, ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq skejjel li ilhom jaqduna se jibqa' għaddej bl-istess ritmu. Irridu l-aħjar ambjent, attrezzat għall-ħtiġijiet edukattivi tagħhom għal uliedna.

Settur importanti ieħor fl-infrastruttura edukattiva ta' pajjiżna huwa s-settur ta' l-iskejjel tal-Knisja, u dawk indipendenti. Dawn l-iskejjel jipprovdu għażla ta' edukazzjoni ta' l-aqwa kwalità filwaqt li joperaw fil-qafas tal-Kurrikulum Nazzjonali. Il-Gvern, għas-sena

2011, qed jalloka s-somma ta' 43.2 miljun għall-finanzjament ta' l-iskejjel tal-Knisja.

Min-naħa l-oħra, is-settur ta' l-iskejjel indipendenti għandu wkoll sfidi kbar biex ikun sostenibbli.

Il-Gvern irid li jżid l-appoġġ lil dawk il-ġenituri li jiddeċiedu li jibgħatu lit-tfal tagħhom fi skejjel privati. Għalhekk, l-ammont massimu ta' deduzzjoni f'taxxa li tingħata lil ġenituri li jħallsu miżati ta' l-iskola għal uliedhom li jattendu fi skejjel privati se jiżdied: fil-każ ta' tfal fi skejjel primarji jew *kindergartens*, il-massimu tad-deduzzjoni se jogħla għal 1,200 ewro, u fil-każ ta' skejjel sekondarji privati din se togħla għal 1,600 ewro.

Barra minn hekk, il-Gvern qiegħed f'diskussjoni ma' l-Assoċċjazzjoni ta' l-Iskejjel Indipendenti biex jiġu studjati oqsma ta' koperazzjoni li, filwaqt li tħares l-indipendenza ta' dawn l-iskejjel mill-Istat, tkun żgurata kemm jista' jkun il-vijabilità tagħhom. Il-Gvern se jagħti ukoll rifużjoni ta' 15.2 fil-mija tal-ispejjeż li jikkwalifikaw u li huma marbuta mal-bini ġdid li jagħmlu dawn l-iskejjel.

**Edukazzjoni avvanzata u ogħla**

Fil-livell post-sekondarju u terzjarju, komplejna naħdmu sabiex jiġu offruti aktar korsijiet li jlaħħqu mal-ħtiġijiet tas-soċjetà u ta' l-istudenti tagħna. In-numru ta' studenti fl-Università u l-Junior College, fl-MCAST, l-ITS, u l-Higher Secondary kull ma jmur dejjem qed jiżdied, biex issa laħaq total ta' 23,597 student u studenta.

Fl-Università biss, din is-sena għandna 3,370 student ġdid f'31 Fakultà jew Istitut bi 28 kors ġdid. Qed jitkompla l-investiment fir-riċerka għall-akkademiċi. Għas-sena d-dieħla, se nżidu l-allokazzjoni għall-Università bi 3.5 miljun ewro, bil-għan l-espansjoni ta' l-Università tul is-sena li għaddiet tkompli tkun sostnuta. Għaddej ix-xogħol fuq il-bini tal-Fakulta ta' l-ICT, b'investiment ta' miljuni kbar.

Mr. Speaker,

L-Università ta' Malta għandha importanza strateġika fl-iżvilupp ta' pajjiżna. Il-Gvern jemmen li għad jonqos iżjed investiment f'bżonn dan is-settur. Jeħtieġ investiment kemm kapitali kif ukoll rikurrenti li jisboq dak li qed nipprovdu għalih. Huwa għalhekk li hemm bżonn inħarsu mill-qrib lejn sorsi ġodda ta' finanzjament għal dan is-settur, l-aktar bil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' investiment mill-privat fl-iżvilupp ta' din l-istituzzjoni kruċjali għal pajjiżna.

L-opportunitajiet għall-istudenti li jixtiequ jkomplu fl-istudji tagħhom wara l-ewwel *degree*, kemm f'Malta kif ukoll barra minn pajjiżna, żdiedu sostanzjalment permezz tal-programmi *STEPS* u *MGSS*, li joffru boroż ta' studji fil-livelli ta' *Masters* u Dottorat. F'dawn l-aħħar ħames snin kellna 1,100 student li gawdew minn boroż ta' studju tal-Gvern. Tajjeb infakkar li qed tingħata wkoll għajnuna finanzjarja lil dawk l-istudenti li qed jagħmlu l-ewwel *degree* tagħhom fuq bażi *full-time* f'universitajiet oħra rikonoxxuti. Żdiedu l-faxex ta' studenti li qegħdin jieħdu l-istipendju bl-iskop li aktar studenti jagħżlu li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom wara li jispiċċaw l-edukazzjoni obligatorja.

Fl-MCAST ukoll, rajna żieda fin-numru ta' studenti u fin-numru ta' korsijiet. Minn din is-sena, beda wkoll il-proċess ta' tagħlim inkorporat għal dawk l-istudenti li jeħtieġu aktar għajnuna fl-istudji tagħhom. L-MCAST qed toffri opportunitajiet ġodda lil dawk li qabel kienu jieqfu mill-istudju tagħhom għal bosta raġunijiet. Fi ftit ġimgħat se jibda x-xogħol fuq il-kampus il-ġdid li għandu joffri kulleġġ ħafna aktar spazzjuż b'faċilitajiet meħtieġa f'ambjent modern u attrezzat bl-aqwa faċilitajiet.

Fl-ITS għandna wkoll naraw ħidma dejjem aktar iffukata fuq l-iżvilupp ta' l-istudenti relatat mal-ħtiġijiet ta' l-industrija tat-turiżmu. Din l-istituzzjoni qegħda tiġbed lejha numru ta' studenti

barranin li jagħrfu l-valur tagħha. L-allokazzjoni għall-l-ITS tlaħħaq it-2.5 miljun ewro fis-sena.

Din is-sena, id-Direttorat tat-Tagħlim Tul il-Ħajja qed joffri taħriġ f'150 suġġett differenti f'livelli varji u 20 kors ġdid. Madwar 13,000 persuna qed jattendu dawn il-korsijiet. Għall-ewwel darba din is-sena madwar 270 persuna ħadu kwalifiki f'suġġetti bażiċi, b'rikonoxximent Ewropew.

**Ċentru interattiv tax-xjenza**

Mr. Speaker,

Is-suċċess ta' pajjiżna se jiddependi wkoll minn kemm jirnexxilna nakkwistaw l-ogħla livell ta' talent fir-riċerka u l-innovazzjoni. Għaldaqstant huwa kruċjali li nkattru l-edukazzjoni u t-taħriġ fix-xjenza sa mill-iżgħar età. Biex naslu għal dan l-objettiv strateġiku, il-Gvern, is-sena d-dieħla, se jinvesti miljun u nofs ewro fl-iżvilupp ta' Ċentru Nazzjonali għax-Xjenza Interattiva ġewwa Villa Bighi, il-Kalkara.

Dan iċ-Ċentru Nazzjonali għax-Xjenza Interattiva se jħaddan aktar minn 4,500 metru kwadru ta' spazju. Se jservi bħala mezz biex jiddaħħal interess attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni f'kull età, filwaqt li ninkoraġġixxu studenti jaqbdu karriera fix-xjenza u t-teknoloġija. Iċ-Ċentru għax-Xjenza Interattiva se joffri lill-viżitaturi tiegħu esperjenza eċitanti, għal kollox interattiva u edukattiva. Se jkun hemm esibiti ta' l-aħjar u l-iktar kwalità riċenti, u jinvolvu parteċipazzjoni attiva biex jitqajmu l-kurżità u l-ħsieb innovativ.

Iċ-Ċentru għax-Xjenza Interattiva Nazzjonali se jservi wkoll bħala pjattaforma ta' divertiment u edukazzjoni lil studenti, ġenituri u professjonisti u jespandu l-interess fix-xjenza, l-inġinerija u t-teknoloġija.

## 6.2 Sport

Mr. Speaker

Nemmnu li, b'investiment fl-isport, inkunu qed ninvestu wkoll fit-tkabbir ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna. Il-politika ta' dan il-Gvern tibqa' dik li jxettel kultura sportiva, u li jżid il-parteċipazzjoni fl-isport fis-soċjetà kollha.

Mr. Speaker,

Aħna kommessi li nkomplu ngħinu lill-għaqdiet sportivi, kif ukoll lill-individwi li jridu jipprattikaw eżerċizzju fiżiku. Għalhekk:

- Qed jinħoloq Fond biex jagħti għajnuna lill-atleti promettenti u ta' klassi li qed jaħdmu fis-settur privat u li, b'arranġament ma' min iħaddimhom, jagħżlu li jnaqqsu l-ġimgħa tax-xogħol tagħhom biex jagħmlu taħriġ aħjar;

- Ma' l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni terzjarja, se naraw kif atleti promettenti u ta' klassi, li jkunu għaddejjin bl-istudji tagħhom, ikunu jistgħu jibbilanċjaw aħjar il-bżonnijiet tagħhom ta' studenti u ta' atleti;

- Organizzazzjonijiet sportivi, rikonoxxuti mill-Kunsill Malti għall-Isport, se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn għotja ekwivalenti għal 15.25 fil-mija tal-prezz tal-apparat sportiv li jixtru sabiex jgħinu fl-iżvilupp tal-atleti tagħhom. Din l-iskema ma tinkludix kumpaniji li jixtru apparat sportiv għall-użu kummerċjali;

- Se terġa' tiddaħħal l-iskema ta' rifużjoni ta' 15.25 fil-mija, sa massimu ta' 150 ewro, fuq il-prezz tar-roti;

- Se titneħħa t-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' 6.5 fil-mija minn fuq vetturi sportivi li jistgħu jintużaw fuq *racing tracks* u fi nħawi oħra awtorizzati minn Trasport Malta;

- Se jiddaħħal il-kunċett ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni unika għall-kollezzjonisti ta' vetturi klassiċi. B'hekk, se tibda titħallas liċenzja waħda, flimkien ma' miżata żgħira għall-ipproċessar, għal kull vettura f'dawn il-kollezzjonijiet;

- Se nerġgħu nallokaw, għal sena oħra, 250,000 ewro f'assistenza lill-għaqdiet biex jattiraw lejn pajjiżna għaqdiet u assoċjazzjonijiet barranin sabiex jitħarrgu u biex jorganizzaw kompetizzjonijiet internazzjonali. Matul din is-sena, din l-iskema ġġenerat aktar minn 39,000 *bed night*; u

- Se ninvestu biex, fuq tliet snin, isir l-investiment meħtieġ biex isiru grawnd tal-futbol u l-*pitch* tal-*waterpolo* ġewwa Birżebbuġa.

## 6.3 L-ekonomija tal-kreattività

Mr. Speaker,

Irridu nsaħħu aktar is-setturi kulturali u kreattivi. Il-kreattività ma tagħtix biss ħajja lill-identità tagħna, iżda toffri wkoll valur miżjud għoli lill-ekonomija. Huwa stmat li dawn is-setturi, li jinkludu l-arti, il-midja, u intrapriżi oħra b'servizzi kreattivi, bħall-arkitettura, disinn u l-industrija tar-riklamar, qed jikkontribwixxu aktar minn erbgħa fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Se nallokaw 1.1 miljun ewro biex inkomplu nsaħħa dan is-settur.

L-investiment tagħna f'dawn l-oqsma għandu jissokta. L-istrateġija nazzjonali għall-ekonomija kreattiva, li se titnieda fi ftit xhur oħra, għandha erba' prijoritajiet:

1. L-aspett edukattiv u l-formazzjoni professjonali fis-setturi kulturali u kreattivi;

2. L-aċċess għas-suq u l-iżvilupp tal-intrapriża f'dan is-settur;

3. Il-promozzjoni ta' Malta bħala *hub* kreattiv, b'emfasi fuq swieq internazzjonali; u

4. It-tisħiħ strateġiku ta' strutturi ta' governanza fis-settur kreattiv.

Biex inwittu t-triq għal din l-istrateġija, matul is-sena li ġejja se nniedu tliet inizjattivi ġodda, b'investiment ta' 430,000 ewro. Għalhekk, se nkunu qed:

- noħolqu skema fejn, kull student fl-ewwel tliet snin tal-iskola sekondarja, jingħata kreditu ta' 15-il ewro biex tintefaq għal attivitajiet artistiċi u kulturali, u siti storiċi;

- nibdew programm pilota, li permezz tiegħu, għalliema, studenti u professjonisti kreattivi, ikunu jistgħu jissieħbu fi proġetti għall-iskejjel primarji u sekondarji, bil-għan li tinħoloq kollaborazzjoni nnovattiva bejn l-iskejjel u l-industriji kreattivi; u

- se nassiguraw għajnuna lil tfal u żgħażagħ b'potenzjal li jiżviluppaw t-talenti tagħhom, kif ukoll biex tingħata għajnuna għal proġetti kreattivi b'għan soċjali għal tfal u żgħażagħ.

Biex insaħħu l-innovazzjoni u l-kompetitività, it-taħriġ f'dawn l-oqsma għandu jibqa' prijorità. Għalhekk, qed nallokaw fondi għal programm ta' taħriġ fil-film, kif ukoll fit-tmexxija kulturali. Dawn l-inizjattivi qed jittieħdu f'qafas ta' preparazzjoni għal pjan ta' żvilupp biex l-istituzzjonijiet edukattivi f'pajjiżna joffru aktar taħriġ vokazzjonali fl-oqsma kulturali u kreattivi.

Proġett importanti, li għandu jsaħħaħ l-aċċess għas-suq għall-intrapriża kreattiva, huwa dak tal-*creative clusters*. Għalhekk, se jiġi studjat l-iżvilupp u s-sostennibbiltà ta' dawn il-*clusters*, b'ħarsa partikolari lejn il-midja diġitali, l-arti performattiva, u d-disinn, u b'sensittività lejn it-tessut soċjali, u l-valur storiku taż-żoni u l-binjiet identifikati għal dan il-għan.

Mr. Speaker,

Numru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u intrapriżi kulturali qed jaħdmu fuq livell nazzjonali biex pajjiżna jilħaq l-għanijiet tal-politika kulturali. Biex ninċentivaw aktar il-ħidma professjonali ta' dawn l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-arti, il-wirt kulturali, u s-settur awdjoviżiv, se nniedu fond ta' 150,000 ewro.

Se nibdew ukoll inizjattiva ġdida biex, fl-2012, nippreżentaw l-ewwel *showcase* tal-aqwa xogħol artistiku u kreattiv maħluq f'Malta u Għawdex, fejn nattiraw produtturi, kuraturi u aġenti internazzjonali, u ngħinuhom jilħqu aktar is-swieq internazzjonali.

Mr. Speaker,

L-investimenti li qed nagħmlu f'dawn is-setturi għandhom jitħaddmu b'mod sostenibbli. Għaldaqstant, se nwaqqfu *Creativity Trust* li tiġbor fiha kontribuzzjonijiet mis-settur pubbliku u dak privat, u li tkabbar l-investiment fi skemi eżistenti, u oħrajn godda. Se nagħtu wkoll inċentivi fiskali lil kull minn jikkontribwixxi f'dan il-Fond.

Dawn l-inizjattivi, flimkien ma' inizjattivi oħra mħabbra fil-passat, u l-inklużjoni ta' dawn is-setturi fil-Viżjoni tal-Gvern għall-2015, jikkonfermaw l-impenn tagħna lejn l-industrji kreattivi. Fl-isfond tat-tħejjija għall-Belt Kulturali Ewropea fl-2018, irridu nkomplu nsaħħu dan l-investiment, mhux biss permezz tar-restawr u r-rijabilitazzjoni ta' bini storiku, iżda wkoll permezz ta' investiment

sod li jirrifletti viżjoni fit-tul lejn il-potenzjal ta’ kull individwu, biex nagħmlu lil Malta ċentru ta’ eċċellenza kulturali u kreattiva.

# 7. Inkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha

## 7.1 Il-qasam soċjali

Mr. Speaker,

Dan huwa baġit li jiffoka fuq ix-xogħol u t-tkabbir ekonomiku. Daqstant ieħor, dan huwa baġit li jkompli jsaħħaħ ix-xibka ta' benefiċċji u servizzi soċjali u tas-saħħa f'pajjiżna.

Waqt li pajjiżi oħra qed inaqqsu s-servizzi soċjali, is-servizzi tas-saħħa, u l-pensjonijiet biex jindirizzaw il-problemi ekonomiċi tagħhom.

Mr. Speaker,

Aħna qed nagħżlu li b'kawtela nsostnuhom, b'riżultat għal mod kif pajjiżna laqa' għall-maltemp t'ekonomiku.

Irridu ninċentivaw ix-xogħol u l-inizjattiva, irridu nippremjaw il-bżulija.

Iżda kull familja Maltija tagħraf il-valur tax-xibka ta' servizzi u benfiċċji li pajjiżna ħoloq biex kulħadd jipparteċipa fil-ħolqien u l-qsim tal-ġid li pajjiżna joħloq bix-xogħol.

Dan il-Gvern jemmen bis-sħiħ f'soċjetà nklussiva, fejn kull persuna tagħti sehemha u tieħu sehem b'mod attiv fis-soċjetà.

Fil-kuntest ta' baġit li qed inaqqas id-defiċit, li qed jitfassal f'ambjent ekonomiku diffiċli, u li hu ffukat biex jassigura l-aħjar ambjent għat-tisħiħ tax-xogħol, il-Gvern qed jindirizza oqsma speċifiċi fejn l-aktar hemm bżonn.

**Żieda fl-għajnuna supplimentari**

Irridu nkomplu nwieżnu lil dawk li jifilħu lanqas. Għalhekk, l-għajnuna supplimentari se tiżdied għal massimu ta' €4.57 fil-ġimgħa għal persuna waħedha, u għal €8.13 fil-ġimgħa għal koppja miżżewġa. Din il-miżura mistennija tiswa 800,000 ewro fis-sena.

**Naġġustaw l-eżami tal-mezzi**

S'issa l-eżami tal-mezzi, għal dawk il-benefiċċji li jiddependu minn eżami tal-mezzi, ma kienx jiġi aġġustat wara ż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Dan, kien iwassal għal każijiet fejn ikun hemm min jitlef iżjed f'benefiċċji minn dak li jdaħħal miż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Mill-1 ta' Jannar li ġej, l-eżami tal-mezzi se jiġi aġġustat biex iż-żieda fl-għoli tal-ħajja ma tfissirx telfien fil-benfiċċji għal dawn il-persuni biex il-benefiċċji marbuta ma' eżami tal-mezzi ma jintilfux wara żieda marbuta ma' l-għoli tal-ħajja. Dan japplika partikolarment fil-każ ta' pensjonanti li, minħabba ż-żieda fil-pensjoni jistgħu jitilfu l-benefiċċju tal-mard.

**Ħidma favur it-tfal u l-familja**

Mr. Speaker,

Bħalissa qed issir ħidma sabiex is-sena d-dieħla nkunu nistgħu nniedu Politika Nazzjonali favur it-Tfal. Din il-Politika se tkun qed tħares b'mod ħolistiku lejn is-servizzi, il-bżonnijiet, u d-drittijiet tat-tfal.

L-akbar sfida li qed jaffaċċja pajjiżna f'dan is-settur tikkonċerna s-servizzi residenzjali għat-tfal li jkollhom bżonnhom.

Fil-baġit għal din is-sena żidna l-benefiċċju għall-familji li joffru s-servizz ta' *fostering*. Illum qed nipproponu nefqa ġdida ta' 400,000 ewro biex tfal u żgħażagħ, li bħalissa ma jistgħux jibbenifikaw mis-servizzi residenzjali jew ta' *fostering* eżistenti minħabba d-

diffikultajiet kbar u partikolari li għandhom, ikunu jistgħu jingħataw alternattiva ġdida f'ambjent ta' familja. Dan huwa l-bidu tal-iżviluppi kbar li s-servizzi residenzjali tat-tfal u ż-żgħażagħ għandhom jgħaddi minnhom tul is-snin li ġejjin minħabba r-realtajiet li qed jiżviluppaw.

Din il-miżura mportanti trid tinqara fil-kuntest taż-żieda sostanzjali li ngħatat is-sena li għaddiet biex tiffinanzja lil min ikun qed jieħu ħsieb tfal f'diffikulta, kif ukoll fis-servizzi pprovduti mill-Aġenzija Appoġġ, l-Aġenzija Sapport, u l-Aġenzija Sedqa. Dawn l-aġenziji jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali personalizzati biex joffru wens u sedqa lil tfal, żgħażagħ, u familji f'diversi diffikultà. Dan il-baġit jassigura li l-livell ta' servizzi li lħaqna s'issa jibqa' jiġi sostnut.

Qed jiżdied ukoll il-baġit li bih għaqdiet volontarji soċjali jingħataw għajnuna finanzjarja biex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi miftehma.

**Persuni b'diżabilità**

Minbarra s-servizzi estensivi pprovduti mill-Aġenzija Sapport, u għaqdiet volontarji b'għajnuna finanzjarja mill-Gvern, irridu nkomplu ntejbu l-miżuri li jgħinu lill-persuni bi problemi ta' mobilità. Diġà għamilna ħafna f'dan il-qasam, iżda se nagħmlu passi oħra biex inkomplu, b'mod prattiku, intejbu l-ħajja ta' dawn il-persuni u l-familji tagħhom:

- familja b'aktar minn persuna waħda li tuża siġġu tar-roti se tgawdi mill-eżenzjonijiet kurrenti għal kull persuna, anke meta tixtri *wheelchair accessible vehicle* waħda;
- familja b'persuna waħda li tuża siġġu tar-roti se tibbenefika mill-eżenzjonijiet kurrenti anke fuq it-tieni *wheelchair accessible vehicle*; u
- l-ħlas tal-liċenza fuq il-*wheelchair accessible vehicles* se jispiċċa, anke wara l-ħames sena ta' reġistrazzjoni.

**Il-qasam tad-djar**

Fil-qasam tad-djar, il-Gvern determinat li jkompli jamministra u jiffinanzja skemi u inizjattivi li jilqgħu għall-ħtiġijiet tan-nies. Dawn qed jissarfu f'għajnuna għall-irranġar u t-titjib tad-djar, għajnuna lill-persuni b'diżabilità, u għajnuna lill-ewwel xerrejja. Qed ninvestu miljun ewro fis-sena fl-iskema tas-sussidju tal-kera, li minnha qed jibbenefikaw 'il fuq minn elf benefiċċjarju. Skema oħra ta' suċċess hija dik li tagħti għajnuna lill-*first-time buyers*, li permezz tagħha jibbenefikaw madwar 340 benefiċċjarju fis-sena. Huwa fil-ħsieb tagħna li nkomplu niżviluppaw aktar skemi bl-iskop li aktar benefiċċjarji jgawdu minnhom.

## 7.2 Is-settur tas-saħħa

Mr. Speaker,

Fis-settur tas-saħħa qed ninvestu 332.3 miljun ewro, żieda ta' 13-il miljun ewro fuq din is-sena.

Il-biċċa l-kbira tal-poplu Malti li juża s-servizzi tas-saħħa pubbliċi huwa sodisfatt bis-servizzi li jingħata. F'Ġunju u Lulju ta' din is-sena, aktar minn 80 fil-mija evalwaw is-servizz li ħadu fl-Isptar Mater Dei bħala tajjeb ħafna jew eċċellenti. Minkejja l-kritika kollha li ssir minn min jipprova jagħmel ballun politiku minn dan is-settur, id-dedikazzjoni tat-tobba u n-*nurses*, u professjonisti oħra, hija rikonoxxuta minn kulħadd. Iżda hemm oqsma fejn nimmiraw li jsir progress sostanzjali. U dawn mhux neċessarjament jiddependu minn riżorsi ġodda. Per eżempju, m'hemmx bżonn ta' aktar finanzi biex il-pazjent jingħata aktar informazzjoni b'mod li jifhem aħjar dak li jkun għaddej minnu.

Il-mira tal-Gvern tibqa' li Malta tkun bħala ċentru reġjonali ta' eċċellenza fis-settur mediku sas-sena 2015. Kif dejjem sostnejna, il-poplu tagħna jixraqlu l-aħjar servizzi fil-qasam tas-saħħa. Aħna

kommessi li nibqgħu niżviluppaw is-servizzi tagħna fil-qasam tas-saħħa, kemm fil-livell tal-kura kif ukoll fil-qasam tal-prevenzjoni.

Minbarra li nsostnu s-servizzi kollha tas-saħħa pprovduti s'issa, hemm numru ta' programmi u proġetti ġodda li jindirizzaw oqsma speċifiċi.

**Kura għall-marda tal-kanċer**

Il-ġlieda kontra l-kanċer hija għażla ta' prijorità għall-Gvern. Matul din is-sena, beda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq iċ-Ċentru tal-Kanċer ġewwa l-Isptar Mater Dei b'investiment ta' 14-il miljun ewro. Għaddej ix-xogħol ta' skavar, u dalwaqt jibda' x-xogħol fuq il-*bunkers* il-ġodda. Sakemm jitlesta dan iċ-Ċentru, qed isir xogħol fl-Isptar Boffa wkoll, biex niżguraw li l-pazjenti jingħataw trattament f'ambjent aktar komdu u dinjituż.

Wasalna fl-istadju finali fit-tfassil ta' l-Istrateġija Nazzjonali għall-Kura tal-Kanċer. Iċ-Ċentru tal-*Breast Screening*, li nfetaħ is-sena l-oħra, qed ikun effettiv. Aktar minn 5,000 mara attendew f'dan iċ-Ċentru, bi 42 minnhom ikollhom bżonn ta' kura immedjata. Il-pjan tagħna huwa li nkomplu nifirxu s-servizzi ta' *screening* biex ikopru kundizzjonijiet oħra.

**Mediċini**

Mr. Speaker,

Din is-sena, żidna 16-il mediċina ġdida fuq il-formolarju tal-Gvern, bi 11 minnhom ikunu għall-kura tal-kanċer.

Ilħaqna l-mira stabbilita fl-aħħar baġit li l-*credit days* fuq xiri ta' mediċini jinżlu għal 120 ġurnata u l-pagamenti lill-importaturi qed jiġu proċessati fil-perjodu stipulat.

Issa rridu nagħmlu riforma fis-sistema li biha l-Gvern qed jixtri l-mediċini. Din ir-riforma trid tindirizza l-ineffiċjenzi f'dan is-settur, l-inkonvenjent għall-pazjenti u l-ħela ta' riżorsi fit-tqassim tal-mediċini. Irridu li s-servizz ta' mediċini b'xejn li jipprovdi l-Istat ikun aktar ġust, aktar aċċessibbli minn min verament għandu bżonn u li jinqata' l-abbuż. Irridu wkoll ninkludi aktar kundizzjonijiet li huma prevalenti fis-soċjetà tal-lum.

**Skema ta' l-ispiżjerija tal-għażla tiegħek**

L-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek qed titħaddem b'suċċess. Frixna s-servizz ukoll f'Għawdex, f'Tas-Sliema u ġewwa l-Iklin. Il-pjan huwa li dan is-servizz ikompli jinfirex f'lokalitajiet oħra biex 30,000 persuna oħra jidħlu fl-iskema s-sena d-dieħla. Għal dan il-għan qed nivvutaw miljun aktar, minbarra 400,000 ewro biex nsaħħu s-sistema elettronika.

**Kura primarja**

Fil-qasam tal-kura primarja, bħalissa qed isir xogħol f'Ċentri tas-Saħħa, bħal dak tal-Mosta, fejn ġiet installata *digital x-ray machine* li u l-pazjenti ma jkollhomx għalfejn imorru Mater Dei. Infteħet ukoll berġa ġdida fil-Birgu, filwaqt li se jkomplu jsiru aktar xogħlijiet fiċ-Ċentri tas-Saħħa u l-bereġ mxerrda ma' pajjiżna.

**Żieda fl-operazzjonijiet**

Kif wegħdna fl-aħħar baġit, qed naħdmu biex inżidu l-operazzjonijiet tal-kataretti. Hawnhekk l-operazzjonijiet irduppjaw. Fil-fatt, in-numru ta' operazzjonijiet tal-għajnejn matul l-ewwel sitt xhur tas-sena, żdied minn 589 fl-2008 għal 1,160 fl-2010. Tajjeb ngħid li, bejn Jannar u Awissu ta' din is-sena, saru 27,898 operazzjoni ġewwa l-Isptar Mater Dei, li huma 4,940 operazzjoni iżjed milli saru bejn Jannar u Awissu fl-aħħar sena li kien jopera l-Isptar San Luqa, jiġifieri medja ta' aktar minn 20 operazzjoni iżjed kuljum.

Se nkomplu naħdmu biex jonqsu l-*waiting lists* anke f'setturi oħra. Għal dan il-għan qed nallokaw 'l fuq minn 2.3 miljun ewro.

**Riżorsi umani u infrastruttura ta' l-informatika**

Il-Gvern irid li jkompli jogħla l-livell tal-professjonalità tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-professuri, tobba, paramediċi, nurses, u *social workers* tax-xogħol siewi u dedikat li jagħmlu ta' kull jum mal-pazjenti tagħna.

Aħna rridu li, mhux biss nagħmlu sforz biex jikber in-numru ta' professjonisti, iżda li dawn ikunu mħarrġa u kwalifikati fl-ogħla *standards*. Irridu li nintroduċu professjonisti ġodda, b'taħriġ lokali u anke f'Universitajiet barra minn pajjiżna.

Matul is-sena li ġejja se nkomplu nġeddu l-għodda elettroniċi fl-għoti tas-servizzi tas-saħħa, b'servizzi kliniċi elettroniċi għat-tobba u b'aċċess aħjar għall-istejjer mediċi biex il-pazjent jingħata kura aħjar.

**Kontribuzzjoni għall-kont tas-saħħa**

Biex inkomplu nsostnu s-settur tas-saħħa, it-taxxa tas-sisa fuq is-sigaretti u t-tabakk se tiżdied bi 3 u 4 fil-mija, filwaqt li t-taxxa fuq il-birra se titla' bi ftit anqas minn ċenteżmu ta' ewro fuq flixkun ta' 25cl, u 13 fil-mija fuq l-ispirti. Id-dħul kollu minn din il-miżura se jmur fil-Kont tas-Saħħa.

**Saħħa mentali**

Mr. Speaker,

Fil-qasam tal-kura tas-saħħa mentali, komplejna fil-ħidma tagħna biex nkomplu nifirxu l-kura fil-komunità għal min ibati minn problemi ta' saħħa mentali. Illum għandna madwar 130 professjonist, fosthom psikologi u *social workers*, li jaħdmu fil-komunità fi 30 lokalità differenti. Matul din is-sena nfetħu żewġ *day centres* ġodda għall-persuni bi problemi ta' saħħa mentali, wieħed

fiż-Żejtun u ieħor f'Raħal Ġdid, biex issa n-numru tela' għal erbgħa Ċentri. Barra minnhekk, infetħet *clinic* għal dawn il-pazjenti fl-Imtarfa.

L-għan tal-Gvern huwa li min ikun għaddej minn problemi ta' saħħa mentali jsib il-kura u l-għajnuna fil-komunità. L-esperjenza turina li meta tifrex is-servizzi bħal dawn fil-komunità, anqas pazjenti jkollhom bżonn jidħlu l-isptar Monte Karmeli, u meta dawn ikollhom jidħlu minħabba xi kriżi, iż-żmien li jqattgħu fl-Isptar jonqos konsiderevolment billi jintbgħatu d-dar sabiex ikomplu jirċievu s-sapport li għandhom bżonn fil-komunità. Għalhekk, se nestendu s-servizz fil-Furjana, Ħal Kirkop u l-Gżira.

Bdejna nallokaw ukoll *flats* lill-Isptar Monte Karmeli taħt l-iskema *supportive housing* tal-Awtorità tad-Djar, bl-iskop li fihom joqgħodu pazjenti li jistgħu joħorġu mill-Isptar, u li iżda m'għandhomx fejn joqgħodu.

## 7.3 L-anzjani

Mr. Speaker,

Post l-anzjani huwa fil-qalba tas-soċjetà tagħna, u li jkomplu jkunu kontributuri għall-pajjiż. Għandna nibqgħu noffru l-opportunità lil dawk l-anzjani li jridu jaħdmu biex jibqgħu jagħmlu hekk. Irridu naħdmu biex is-sistema tal-pensjonijiet tkun waħda sostenibbli, u li tassigura livell ta' għixien tajjeb għall-anzjani. Aħna nemmnu li l-anzjani tagħna għandhom jingħataw l-aħjar servizzi u kura.

Għal darb'oħra, is-sena li ġejja il-pensjonanti se jieħdu ż-żieda sħiħa tal-COLA.

Se nkomplu nindirizzaw l-anomalija li teżisti fil-pensjonijiet tas-servizz. Fl-2008 konna bdejna dan il-proċess, fejn l-ewwel 466 ewro minn kull pensjoni tas-servizz ma baqgħux jiġu kkalkulati għal fini ta' *re-assessment* ta' kull pensjonant li jirċievi wkoll pensjoni tas-

servizz. Madwar 4,350 pensjonant gawdew minn din il-miżura. Dan il-proċess komplejnih fl-2009, fejn l-ammont żdied għal 666 ewro. Dan l-ammont ta' tnaqqis se ngħolluh b'200 ewro oħra bi spiża totali ta' 1.3 miljun ewro. B'din il-miżura, se jgawdu madwar 6,200 pensjonant.

**Investiment fil-kura ta' l-anzjani**

F'dik li hija l-kura ta' l-anzjani, qed ninvestu miljuni ta' ewro biex nassiguraw li l-anzjani tagħna jkollhom l-aħjar kura possibbli minn professjonisti speċjalizzati.

Sakemm jinbena ċentru ta' rijabilitazzjoni bil-faċilitajiet kollha meħtieġa għall-persuni li jkunu qed jirkupraw minn mard jew trattament serju, komplejna bil-manutenzjoni fl-Isptar Karen Grech. Is-servizzi ta' l-Isptar Żammit Clapp ġew trasferiti għal dan l-isptar, biex issa l-Isptar tar-Rijabilitazzjoni Karen Grech qiegħed taħt saqaf wieħed.

Matul din is-sena beda x-xogħol biex id-Dar tal-Anzjani tal-Imsida tiġi estiża u jiġu akkomodati 167 sodda, b'żieda ta' 105 sodda.

L-Isptar Żammit Clapp se jiġi żviluppat f'*nursing home* ta' mitt sodda għall-anzjani, b'investiment ta' 1.8 miljun ewro.

Ftaħna l-Blokk Ġwanni Pawlu II ġewwa r-residenza San Vinċenz de Paule. Dan il-Blokk huwa attrezzat għall-pazjenti bid-*dementia* u għandu *staff* imħarreġ apposta għal din il-kundizzjoni. Se jinbeda wkoll xogħol ta' *refurbishment* f'żewġ swali oħra biex b'hekk inkomplu nieħdu aktar inizjattivi għal dawn il-pazjenti.

Il-proġett pilota ta' *night shelter* ġewwa ż-Żejtun beda jakkomoda l-ewwel anzjani għal matul il-lejl, u fil-ġimgħat li ġejjin se nifthu *night shelter* ieħor ġewwa l-Mellieħa.

Barra minnhekk, matul din is-sena, grupp ta' professjonisti multidixxiplinarji ġew imħarrġa biex ikunu jistgħu jagħtu sapport lill-anzjani biex, sa fejn ikun possibbli, dawn ikomplu jgħixu fil-komunità. Dan il-proġett pilota se jibda joffri s-servizz tiegħu fil-lokalità tal-Imsida.

Din is-sena wkoll, ftaħna Ċentru ta' Matul il-Jum ġewwa l-Mellieħa, filwaqt li hemm il-ħsieb li jinfetħu aktar ċentri f'diversi lokalitajiet oħra. Bħalissa għandna 17-il Ċentru mxerrdin ma' Malta, li fihom jattendu madwar 1,400 anzjan u anzjana.

# 8. Ambjent

## 8.1 Proġetti

Mr. Speaker,

L-investiment biex ikollna Malta u Għawdex mill-isbaħ huwa investiment fil-pajjiż, fil-familji tagħna u fil-prodott turistiku.

Matul is-snin li għaddew investejna bis-sħiħ fi proġetti ta' tisbiħ u restawr fil-postijiet pubbliċi u storiċi tagħna. Hekk se nkomplu nagħmlu s-sena d-dieħla.

Il-proġett ta' daħla ġdida għall-Belt Valletta qabad ir-ritmu, u l-mira tal-Gvern hija li jitlesta sal-2013. Kif għidna f'okkażjonijiet oħra, il-finanzjament ta' dan il-proġett huwa barra mill-estimi tal-Gvern u se jkun iffinanzjat minn mekkaniżmu separat. Miexi sewwa wkoll ix-xogħol ta' pavimentar fiċ-ċentru tal-Belt Valletta li mistenni jkun lest is-sena d-dieħla.

Se nkomplu ninvestu bis-sħiħ biex nagħtu futur lill-passat tagħna.

Kif konna ħabbarna, dħalna għal proġett ambizzjuż tar-restawr tas-swar, b'investiment ta' 36 miljun ewro. Diġà qed naraw ir-riżultati fuq is-swar fil-Belt, fil-Birgu, u fl-Imdina. Dan il-proġett se jwassalna biex, sas-sena 2013, inkunu restawrajna mas-sitt kilometri ta' swar, u se nkunu wkoll roddejna lura spazji lill-pubbliku li s'issa ma kellux aċċess għalihom.

Is-sena d-dieħla, se nibdew xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Baċir Numru Wieħed ġewwa Bormla u l-bini storiku ta' madwar, fil-Forti ta' Sant'Iermu, il-Baċir Numru Wieħed, fil-Pixkerija, u f'dak li sal-lum huwa l-Isptar Sir Paul Boffa.

Se nkomplu bir-restawr tal-faċċati tal-Berġa ta' Kastilja u l-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, filwaqt li se nniedu proġett ambizjuż fil-*Collacchio* ġewwa l-Birgu. Se jitkompla x-xogħol fuq iċ-Ċentru t'Informazzjoni fuq is-Swar li qed isir fi *Biagio Steps* fil-Belt Valletta, li għandu jkun lest fil-bidu tal-2012.

Se nkomplu nagħtu lura spażji miftuħa lill-familji tagħna, bħal ma għamilna bi Pjazza Sant'Anna f'Tas-Sliema, Pjazza San Ġorġ fil-Belt, u l-*Adventure Park* f'Ta' Qali. Bi ħsiebna wkoll nagħmlu *Water Park* ġewwa Buġibba u nlestu x-xogħol fuq Park Nazzjonali fi Xrobb l-Għaġin, estensjoni ohra fil-Park ta' Ta' Qali u nkomplu x-xoghol fuq il-Park tal-Familja fil-Mellieha bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Se nkomplu wkoll għaddejjin bit-tisbiħ taż-żona kummerċjali u turistika ta' Tas-Sliema, fejn din is-sena se nlestu wkoll ġnien ġdid u akbar ġewwa Qui-si-Sana. Dan jorbot ma' xogħol ieħor ta' tisbiħ ta' żoni turistiċi f'pajjiżna bħal M'Xlokk, San Ġiljan, u postijiet oħra.

## 8.2 Kunsilli Lokali

Mr. Speaker,

Riforma oħra importanti li bdejna nwettqu matul is-sena li għaddiet hija dik tal-Kunsilli Lokali. Wara proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, dan il-Parlament qabel unanimament mal-emendi mressqa mill-Gvern. Il-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali xammru l-kmiem u żiedu l-ħidma tagħhom biex jagħtu l-aqwa servizz lir-residenti tagħhom.

Iż-żieda fir-responsabbiltajiet tal-Kunsilli Lokali, riżultat tat-tiġdid li għaddew minnu tul is-sena li għaddiet, ġabet magħha l-ħtieġa ta' aktar riżorsi, inkluż dawk finanzjarji. Fl-ewwel sentejn ta' din il-leġiżlatura, il-Kunsilli Lokali ngħataw 67.2 miljun ewro bejniethom. Dawn jinkludu wkoll fondi speċjali biex jitwettqu proġetti fl-interess tar-residenti tagħhom u biex jiġu organizzati attivitajiet partikolari li bihom jiġbdu viżitaturi.

Barra minnhekk, nidejna diversi fondi speċjali u skemi, li jammontaw għal 6.2 miljun ewro, u li permezz tagħhom Kunsilli Lokali kienu megħjuna jwettqu proġetti importanti. Hawnhekk tajjeb insemmi li, permezz ta' dawn il-fondi speċjali, ġew implimentati qrib il-550 proġett jew inizjattiva differenti.

Mr. Speaker,

Illum il-ġurnata l-Kunsilli Lokali għandhom fuq min iserrħu biex ikunu jistgħu jagħmlu xogħolhom bl-aħjar mod. Waqt li qed jirċievu miljuni ta' ewro f'fondi mill-Gvern Ċentrali, aħna nħeġġuhom u ngħinuhom japplikaw għal Fondi Ewropej. F'dawn is-sentejn 52 Kunsill Lokali ħadu aktar minn 14-il miljun ewro minn dawn il-fondi.

Għal sena oħra qed nerġgħu nallokaw nofs miljun ewro għall-ko-finanzjament ta' proġetti li jsiru mill-Kunsilli Lokali b'fondi tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-Gvern wera bil-fatti li jemmen fil-Kunsilli Lokali. Għalhekk, matul is-sena li ġejja l-allokazzjoni finanzjarja diretta se tiżdied għal 32 miljun ewro biex il-Kunsilli Lokali jkunu megħjuna:

- fir-restawr ta' postijiet storiċi;
- fit-tisbiħ taċ-ċentri urbani u xogħlijiet f'żoni rurali;
- biex iżidu l-aċċessibilità ta' postijiet pubbliċi;
- fit-twettiq bl-iskema ta' proġetti f'lokalitajiet żgħar;
- biex jinvestu f'enerġija alternattiva;
- biex joffru aktar korsijiet ta' tagħlim tul il-ħajja;
- biex il-libreriji lokali jixtru aktar kotba ġodda;

- fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali; u
- biex ikunu organizzati aktar attivitajiet sportivi.

Din is-sena, wessajna l-prinċipju tas-sussidjarjetà hekk kif 16-il komunità eleġġew il-Kumitati Amministrattivi tagħhom. Anke dawn se jingħataw l-għodda meħtieġa biex ikunu jistgħu jaħdmu. Fl-ewwel ftit xhur tal-ħidma tagħhom, apparti l-allokazzjoni finanzjarja diretta, inħarġet skema ta' terz ta' miljun ewro biex il-Kumitati jkunu jistgħu jwettqu proġett tal-għażla tagħhom.

Matul is-sena d-dieħla wkoll, se nniedu numru ta' inizjattivi li bihom se ngħinu lill-Kunsilli Lokali jieħdu ħsieb il-partijiet komuni ta' appartamenti tal-Gvern; u jipprovdu servizzi ta' *child-minding* għat-tfal li jaslu kmieni jew jitilqu tard mill-iskola fejn jattendu.

Biex inkunu nistgħu nkomplu t-titjib ambjentali, fid-dawl tal-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas, se tiddaħħal sisa ta' €9 fuq kull tunnellata siment.

## 8.3 Riforma fl-Awtorità dwar l-Ambjent u Ppjanar

Mr. Speaker,

L-ambjent huwa ta' kulħadd. Kulħadd irid iħarsu.

Għalhekk, f'Marzu li għadda nidejna l-Politika Nazzjonali għall-Ambjent li għandha twassal għal strateġija ġdida lejn ir-regolamentazzjoni u l-immaniġġjar ambjentali. L-ewwel fażi ta' konsultazzjoni pubblika għalqet ix-xahar li għadda b'*workshop* nazzjonali dwar l-*Issues Paper*. Fit-tieni fażi, se jiġu żviluppati xenarji u għażliet. L-abbozz tal-politika ambjentali se jkun lest lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla.

L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u Ppjanar se tkun qed tipproteġi dak kollu li jiġbor l-ambjent, kemm dak mibni kif ukoll dak naturali.

Il-MEPA se tidħol għal proġett ta' 4.9 miljun ewro għall-moniteraġġ ambjentali ta' ħames elementi: l-ilma, l-arja, ir-radjazzjoni, il-ħsejjes, u l- ħamrija.

Waqt li l-Gvern kompla fil-ħidma tiegħu biex jimplimenta r-Riforma tal-Awtorità, dan il-Parlament approva, mill-istadji kollha, l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, li se jiġi fis-seħħ fil-ġimgħat li ġejjin, flimkien ma' numru ta' Avviżi Legali li jirregolaw aspetti differenti ta' l-ippjanar u ta' l-ambjent.

Fost l-oħrajn, dan l-Att ser:

- iwaqqaf żewġ *Environment and Planning Commissions full-time*;
- iwaqqaf *Environment and Planning Review Tribunal full-time* biex jitratta l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-MEPA;
- idaħħal proċess ta' *screening* ta' mhux aktar minn erba' ġimgħat. Wara dan, applikazzjonijiet f'żoni ta' żvilupp klassifikati bħala semplici, u konformi mal-*policies*, għandhom jiġu deċiżi fi żmien 12-il ġimgħa mid-data ta' validazzjoni;
- iwassal għal deċiżjoni, fi żmien 26 ġimgħa mid-data ta' validazzjoni, dwar applikazzjonijiet mhux sempliċi f'żoni għall-iżvilupp u dawk sempliċi f'żoni ODZ;
- iwassal għal deċiżjoni, fi żmien 52 ġimgħa, dwar applikazzjonijiet f'żoni mhux skedati li jinvolvu proċessi komplessi oħra;
- iwassal għal deċiżjoni bejn il-MEPA u l-applikant fuq iż-żmien stipulat għal applikazzjonijiet komplessi ta' proġetti kbar;

- iwassal għal komunikazzjoni elettronika bejn l-Awtorità u l-periti; u

- iwaqqaf Direttorat għall-Infurzar li se jiffoka biss fuq l-infurzar.

Matul din is-sena wkoll, lestejna l-ewwel abbozz tal-Istrateġija Nazzjonali u Pjan t'Azzjoni dwar il-Biodiversità. Fi Frar li għadda, ġew dikjarati siti ġodda ta' Natura 2000, biex b'hekk pajjiżna għandu madwar 13 fil-mija tat-territorju fl-art koperta minn dan in-netwerk, u madwar 4 fil-mija oħra tat-territorju protett taħt strumenti oħra. Ġew approvati wkoll erba' *marine protected areas* ġodda fl-ibħra Maltin, li se jkunu proposti lill-Unjoni Ewropea bħala parti min-netwerk ta' Natura 2000.

## 8.4 Nagħmlu l-aħjar użu mill-art pubblika

Mr. Speaker,

Komplejna bir-riforma fis-sistema tal-informatika tad-Diviżjoni tal-Proprjetà tal-Gvern. Din ir-riforma, li qed tiswa lill-Gvern żewġ miljun ewro, se twassal għal titjib radikali fl-immaniġġjar tal-proprjetà tal-Gvern, aktar effiċjenza, kontabilità, u servizz aħjar għall-pubbliku. L-ewwel fażi kienet analiżi dettaljata tas-sistemi u l-proċessi kollha biex jiġu amministrati aktar minn 160,000 *file* u mistennija titlesta lejn l-aħħar ta' din is-sena. Fit-tieni fażi se jiġu mfassla s-sistemi ta' l-informatika għal iżjed effiċjenza.

Is-sena li għaddiet, ħallasna 10 miljun ewro f'arretrati ta' ħlasijiet għall-esproprji. Tħallsu wkoll 900,000 ewro lis-sidien oriġinali li, fuq l-art li l-Gvern kien ħa fl-1982 u 1983 fil-*Home Ownership Schemes*. Dawn ir-residenti kienu għadhom fuq konvenju. Issa, 211-il familja saru tassew is-sidien ta' djarhom.

Għas-sena li ġejja wkoll, il-Gvern qed jivvota tliet miljun ewro biex imorru għal ħlasijiet ta' espropjru ta' artijiet tal-*Home Ownership*

*Schemes*. Dan huwa proċess li jqum ħafna flus u li fih kumplikazzjonijiet legali mhux żgħar. Iżda determinati li nkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi. Qed nallokaw sitt miljuni biex jitħallsu esproprji oħra.

## 8.5 Immaniġġjar ta' l-iskart

Se nkomplu ninvestu fl-immaniġġjar ta' l-iskart fejn fl-aħħar snin wettaqna revoluzjoni siekta.

Matul din is-sena, għamilna l-ewwel reviżjoni tal-istrateġija tal-immaniġġjar tal-iskart. Dan ifisser li se nkomplu ninvestu f'aktar impjanti ġewwa pajjiżna, biex l-iskart indawruh f'riżorsa importanti, u niġġeneraw enerġija nadifa. Se nkomplu bil-proġett ambiżjuż biex, il-miżbliet tal-Magħtab, Wied Fulija, u l-Qortin f'Għawdex jinbiddlu f'*parks* għar-rikreazzjoni tal-familji tagħna b'investiment ta' 28 miljun ewro.

Se nanalizzaw kif nistgħu ninċentivaw aktar il-ġbir ta' l-iskart riċiklabbli mid-djar tagħna. Se nevalwaw il-possibbiltà li l-boroż li fihom jintrema l-iskart imħallat ikunu boroż apposta. Dan kollu qed isir bil-għan li l-familji tagħna jindirizzaw aktar l-iskart riċiklabbli, u b'hekk jitnaqqas l-ammont ta' skart imħallat waqt li jkun nċentivat aktar is-separazzjoni ta' l-iskart.

## 8.6 Agrikoltura

Qatt daqs illum is-settur agrikolu m'affaċċja tibdil li qed iwassal biex nindirizzaw l-isfidi u ndawruhom f'opportunitajiet. Bdejna l-ewwel passi tar-riforma fil-Pitkalija. Se nwaqqfu aġenzija bil-għan li timplimenta din ir-riforma, wara proċess ta' diskussjoni li kellna mal-bdiewa u l-persuni nvoluti f'dan is-settur.

Minn din is-sena tajna l-opportunità lill-bdiewa biex ibiegħu l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi f'suq organizzat. B'hekk mhux biss tajna għażla oħra lill-bidwi, iżda tajna wkoll għażla oħra lill-

konsumatur minn fejn jista' jixtri prodott frisk u relettaviment orħos mis-sorsi normali. Matul is-sena d-dieħla se norganizzaw tliet swieq oħra tal-bdiewa f'żoni differenti ta' Malta u Għawdex.

Is-settur agrikolu għaddej minn bidla oħra. Tranżizzjoni minn dipendenza fuq is-sussidji għas-sostenibbiltà. F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern ffinanzja mal-100 miljun ewro f'għajnuna għal investimenti f'dan is-settur sabiex dan ikun sostenibbli. Din is-sena biss, dan is-settur investa mal-40 miljun ewro f'investimenti fl-azjendi agrikoli.

Bħala appoġġ lill-bdiewa u lir-raħħala *full-time,* se nnaqsu l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom għal 12 fil-mija. B'hekk kull bidwi u raħħal se jħallas medja ta' madwar 520 ewro fis-sena anqas f'bolla.

Il-prezzijiet tal-qmugħ u ċereali fis-swieq internazzjonali qed jogħlew ħafna. Sabiex intaffu l-impatt ta' dan fuq ir-raħħala tagħna, il-Gvern iddedika fond ta' 400,000 ewro.

## 8.7 Il-ħarsien ta' l-annimali

Mr Speaker,

Hawn min jgħid li l-akbar ħbieb tal-bniedem huma l-annimali. Il-Gvern qed jaħdem biex dan il-qasam ikompli jingħata l-importanza li jistħoqlu. Fl-aħħar sentejn għamilna passi kbar 'il quddiem f'dan il-qasam. Din is-sena ftaħna iċ-Ċentru San Franġisk. Ċentru li jilqa' fih l-annimali, primarjament dawk abbandunati, jikkurahom, u joffri wkoll servizz ta' konvalexjenza. Matul is-sena li ġejja, se nkomplu nibnu fuq is-suċċessi li diġà ksibna, u se nsaħħu s-servizzi li qed jingħataw lill-annimali.

# 9. Konklużjoni

Mr. Speaker,

Dan huwa baġit favur ix-xogħol. Dan huwa dak li jridu l-famiji tagħna.

Il-familji Maltin iridu x-xogħol. Biex jaħdmu. Biex jirnexxu.

F'dawn l-aħħar sentejn qsamna l-ansjetà tal-ħaddiema li kellhom xogħolhom fil-periklu, l-uġiegħ tal-familji fejn ħaddiema spiċċaw bla xogħol, u l-inkwiet tas-sidien iħabblu rashom biex iżommu n-nies magħhom.

Mr. Speaker,

L-inkwiet tagħna mhux l-istatistika imma l-għixien ta' kull familja.

Flimkien għamilna sagrifiċċji kbar għax għarafna il-prijorità tax-xogħol.

Imma ma kienux sentejn fil-vojt. Is-sagrifiċċji tal-poplu Malti, ix-xogħol iebes li wettaqna u t-tmexxija għaqlija tal-Gvern, qed jagħtu riżultati.

Salvajna x-xogħol.

Ġibna xogħol ġdid.

Sostnejna s-servizzi tas-saħħa, il-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali.

Saħħaħna l-investiment fl-edukazzjoni.

Dan huwa baġit favur ix-xogħol. Imma huwa wkoll baġit favur it-tisħiħ ta' dak li jsawwar is-soċjetà Maltija fil-qasam ta' l-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi u l-benefiċċji soċjali, u l-ambjent. Għax bix-

xogħol nistgħu nkomplu ninvestu f'soċjetà b'saħħitha għat-tfal, żgħażagħ, familji, anzjani, u kull wieħed u waħda minna.

Erġajna qegħdin f'salib it-toroq. Għandna għażliet quddiemna.

Ma naqblux ma' min iridna naqbdu t-triq tal-infieq bla ħsieb. Ma naqblux li nnaqsu s-servizzi essenzjali. Lanqas ma naqblu ma' min irid idaħħal rasu fir-ramel u jgħid li mhemmx maltemp madwarna.

Nemmnu li għandna nibqgħu mexjin 'l quddiem lejn il-mira ta' baġit bla defiċit, baġit bilanċjat. Anke jekk din il-mira trid ftit aktar żmien minħabba l-kriżijiet li laqtu l-ekonomiji ta' madwarna.

Il-Gvern qed jistieden lill-poplu Malti biex din l-għażla jagħmilha tiegħu. Kull persuna għandha sehem importanti fit-tisħiħ ta' dak kollu li tixtieq għaliha, għal uliedha, u għall-familja tagħha.

Qed nagħżlu li naħdmu aktar u niġġeneraw aktar ġid, flok li nnaqsu l-kwalità ta' ħajja li ngħixu llum.

Qed nagħżlu li nikkontrollaw aktar in-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika flok li jiżdiedu t-taxxi.

Qed nagħżlu li nibqgħu nagħmlu dak kollu possibbli biex uliedna jkunu aħjar minna.

Illejla qed nibnu fuq l-għażliet għaqlija li għamel il-poplu Malti: l-għażla favur l-Indipendenza, l-għażla favur id-demokrazija, l-għażla favur l-Unjoni Ewropea, u l-għażla favur l-Ewro.

Qed nibnu fuq is-sisien sodi ta' dawn l-għażliet sabiex niżguraw li kull persuna f'pajjiżna jkollha ħajja li tixirqilha, opportunitajiet ta' xogħol li jissodisfha u jagħtiha għixien xieraq, komunità b'saħħitha fejn tista' trabbi familja, u ambjent li jħajjar u jkattar l-investiment.

Qed nipproponu baġit għaqli u responsabbli bi prijoritajiet ċari u mfassal f'sigħat twal ta' djalogu u konsultazzjoni.

Mr. Speaker,

Dan il-baġit jagħżel li nibqgħu mexjin 'il quddiem lejn il-Viżjoni 2015 u 'l hinn minnha. Fl-oqsma tal-informatika, il-komunikazzjoni u kreattività, fl-edukazzjoni, fis-saħħa, fis-servizzi finanzjarji, fit-turiżmu, fil-manifattura ta' valur miżjud, u fl-iżvilupp ta' Għawdex bħala gżira ekoloġika. Hija Viżjoni ta' pajjiż. Hija Viżjoni għas-suċċess tal-familji Maltin. Is-suċċess tal-familji Maltin f'dawn l-oqsma huma l-qofol ta' pajjiż li jirnexxi.

Dak li rnexxilna nagħmlu flimkien fl-aħħar sentejn ta' maltemp jimlina kuraġġ u determinazzjoni għas-sena li ġejja. Hija sena determinanti għal pajjiżna. Hija sena li fiha nistgħu, jekk kulħadd jistinka, inkomplu nissaħħu.

Aktar ma naħdmu flimkien u niġbdu ħabel wieħed, aktar jirnexxi pajjiżna.

Flimkien, l-isfidi nistgħu nibdluhom f'opportunitajiet ġodda ta' xogħol. U noħorġu minn dan il-maltemp, pajjiż aktar b'saħħtu u soċjetà aktar magħquda.

Il-Gvern qed jagħmel għażliet ċari.

Imma s-suċċess ta' pajjiżna jiddependi minn kulħadd:

- mill-Gvern ċentrali u mill-gvern lokali;
- mill-imsieħba soċjali;
- mis-soċjetà ċivili; u
- minna lkoll kemm aħna, residenti ta' Malta u Għawdex.

Il-poplu Malti jħares ukoll lejn kif aħna f'din il-Kamra se naħdmu flimkien f'dawn il-mumenti speċjali għal pajjiżna. Kif se nħarsu x-xogħol, kif se naħdmu biex ikollna aktar xogħol u xogħol aħjar. Kif se ninvestu l-ġid f'soċjetà aktar b'saħħitha.

Mr. Speaker,

Dan huwa l-baġit mibni fuq il-konvinzjoni li bix-xogħol nistgħu nkomplu nibnu soċjetà b'saħħitha għalina u għal uliedna. Soċjetà fejn kulħadd jirnexxi.

**Appendiċi A** **Proposta għar-riforma tas-sistema ta' taxxa li għandha titħallas fuq ir-reġistrazzjoni tal-vetturi kummerċjali**

**Kategorija A: vetturi N1, N2 u N3, vetturi użati għal għan speċjali u *tractor units***

**Vetturi N1, vetturi b'għan speċjali u *tractor units***

| | |
|---|---|
| ***Euro standard* l-aktar reċenti** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 0.40 + *cc* x 0.45 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 0.45 + *cc* x 0.50 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 0.50 + *cc* x 0.55 x €1 |
| ***Euro standard* l-aktar reċenti -1** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 1.00 + *cc* x 1.10 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 1.10 + *cc* x 1.20 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 1.20 + *cc* x 1.30 x €1 |
| ***Euro standard* l-aktar reċenti -2** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 6.00 + *cc* x 6.00 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg a 1,706 kg | Kg x 7.00 + *cc* x 7.00 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 8.00 + *cc* x 8.00 x €1 |

| | |
|---|---|
| *Euro standard* **l-aktar reċenti -3 jew inqas** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata sa 1,305 kg | Kg x 25.00 + *cc* x 25.00 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,305 kg sa 1,706 kg | Kg x 27.00 + *cc* x 27.00 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 1,706 kg sa 3,500 kg | Kg x 30.00 + *cc* x 30.00 x €1 |

## Vetturi N2, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

| | |
|---|---|
| *Euro standard* **l-aktar reċenti u Euro standard l-aktar recenti -1** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | 0 |
| *Euro standard* **l-aktar reċenti -2** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | Kg x 5.00 + *cc* x 7.00 x €1 |
| *Euro standard* **l-aktar reċenti -3 jew inqas** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,500 kg sa 12,000 kg | Kg x 12.00 + cc x 15.00 x €1 |

## Vetturi N3, vetturi b'għan speċjali u *tractor units*

| | |
|---|---|
| *Euro standard* **l-aktar reċenti u Euro standard l-aktar recenti -1** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg | 0 |
| *Euro standard* **l-aktar reċenti -2** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg | Kg x 2.10 + *cc* x 2.50 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg | Kg x 2.70+ *cc* x 3.50 x €1 |

| | |
|---|---|
| *Euro standard* **l-aktar reċenti -3 jew inqas** | |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 12,000 kg sa 25,000 kg | Kg x 9.00.+ *cc* x 12.00 x €1 |
| vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 25,000 kg | Kg x 10.00 + *cc* x 13.00 x €1 |

**Formula tar-rata tat-taxxa**

Meta jiġu applikati t-tabelli rilevanti hawn qabel, l-ammont totali tat-taxxa ta' reġistrazzjoni għandu jkun daqs is-somma totali tal-massa massima awtorizzata (kg) ta' vettura bil-mutur multiplikata bil-figura indikata u ċ-ċilindrata (*cc*) tal-magna tal-vettura multiplikata bil-figura indikata multiplikati b'€1, multiplikat bid-differenza bejn 100 fil-mija u l-perċentwali aggregat li jikkonsisti mill-perċentwali tad-deprezzament totali annwali kif speċifikat fit-tabella hawn taħt kif ukol 0.5% għal kull 10,000 kilometru muri fuq l-odometru tal-vettura:

**{[(kg x Y) + (cc x Y)] x €1} x {100% - [Y% tad-deprezzament totali kull sena + 0.5% għal kull 10,000 kilometru]}**

Iżda li l-valur depprezzat massimu tal-vettura bil-mutur f'din il-kategorija ma jeċċedix 95 fil-mija, u meta jintlaħaq dan il-valur ma jsir ebda tnaqqis ieħor.

## Deprezzament skont l-etá tal-vettura

| Sena | Deprezzament kull sena | Deprezzament totali |
|---|---|---|
| 0 | 12% | 12% |
| 1 | 14% | 26% |
| 2 | 19% | 45% |
| 3 | 5% | 50% |
| 4 'il quddiem | 5% | 55% |
| 5 | 5% | 60% |
| 6 | 5% | 65% |
| 7 | 5% | 70% |
| 8 | 5% | 75% |
| 9 | 5% | 80% |
| 10 | 5% | 85% |
| 11 | 5% | 90% |
| 12 | 5% | 95% |
| 13 'il quddiem | Mhux disponibbli | 95% |

Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, meta vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija (N1, N2 u N3), jew vetturi b'għan speċjali jew *tractor unit,* li s-sena tal-manifattura tagħhom hi waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għal *standards* tal-Euro, ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt *standards* tal-Euro differenti:

| | **Sa u kompriż *Euro* 2 / II** | ***Euro* 3 / III** | ***Euro* 4 / IV** | ***Euro* 5 / V u aktar** |
|---|---|---|---|---|
| **N1** | Sa u nkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2010 | mill-2011 |
| **N2** | Sa u nkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2008 | mill-2009 |
| **N3** | Sa u nkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 sa 2008 | mill-2009 |

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku akkreditat fi Stat Membru, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qiegħda tiġi reġistrata, tiġi intaxxata r-rata li tappartjeni lill-istandard Euro li jkun ekivalenti għaliha.

**Kategorija F: vetturi bil-mutur M2 u M3 kemm ġodda jew użati**

3. Vetturi bil-mutur M2 u M3, kompriżi ferroviji mingħajr linji u vetturi bil-mutur anfibji:

| | *Euro Standard* **l-aktar reċenti -3 u qablu** | *Euro Standard* **l-aktar reċenti -2** | *Euro Standard* **l-aktar reċenti u** *Euro Standard* **l-aktar reċenti -1** |
|---|---|---|---|
| **M2** | Kg x 12.00 + cc x 15.00 x €1 | Kg x 1.50 + cc x 2.40 x €1 | 0 |
| **M3** | Kg x 10.00 + cc x 12.00 x €1 | Kg x 2.20 + cc x 2.60 x €1 | 0 |

Fir-rigward tal-ammonti totali ta' taxxa tar-reġistrazzjoni li wieħed jasal għalihom bl-użu tal-formuli hawn qabel, għandu jitnaqqas minnhom il-perċentwali meħud f'daqqa magħmul mill-perċentwali tad-deprezzament totali kull sena kif speċifikat fit-tabella intitolata "Deprezzament skont l-etá tal-vettura" fil-Kategorija A li tinsab ma' dan l- appendiċi, magħduda miegħu 0.5% għal kull 10,000 kilometru li jkunu jidhru fuq l-odometru tal-vettura.

Għall-fini tat-taxxa tar-reġistrazzjoni, meta vetturi M2 jew M3, li s-sena tal-manifattura tagħhom hi waħda mis-snin ta' manifattura li ġejjin, ma jkunux akkumpanjati minn ċertifikat li jkun juri l-livelli ta' emissjonijiet ekwivalenti għal *standards* tal-Euro, ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jitħallsu fuq dawk il-vetturi għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jidhru taħt *standards* tal-Euro differenti:

| | **Sa u kompriż** ***Euro*** **II** | ***Euro*** **III** | ***Euro*** **IV u aktar** |
|---|---|---|---|
| **M2** | Sa u nkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 'il quddiem |
| **M3** | Sa u nkluża s-sena 2000 | 2001 sa 2005 | 2006 'il quddiem |

Meta importatur jew bejjiegħ jew sid ta' vettura bil-mutur jipprovdi ċertifikat kif approvat minn servizz tekniku akkreditat fi Stat Membru, li l-magna ta' dik il-vettura partikolari tkun tissodisfa livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet minkejja s-sena tal-manifattura tagħha, dik il-vettura għandha, meta tkun qiegħda tiġi reġistrata, tiġi ntaxxata r-rata li tappartjeni lill-istandard Euro li jkun ekivalenti għaliha.

# Appendiċi B

***STATEMENT* A**

**DĦUL 2010 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT**

| Sors | | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 850,000,000 | 810,000,000 | - | 40,000,000 | Id-dħul mistenni jkun anqas mill-istima oriġinali primarjament mit-taxxa proviżorja. |
| | Sigurta' Soċjali | 550,000,000 | 550,000,000 | - | - | |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 198,700,000 | 191,400,000 | - | 7,300,000 | Id-dħul, primarjament mill-*Import Duty u* mis-sisa fuq is-sigarretti magħmula bil-magni u x-xorb alkoħoliku, mistenni jkun anqas mill-istima oriġinali. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 254,554,000 | 234,463,000 | - | 20,091,000 | Id-dħul mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ta' vetturi u l-liċenza ta' Ċirkolazzjoni se jkun anqas milli kien previst, iżda se jkun hemm dħul akbar mit-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 478,000,000 | 478,000,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **2,331,254,000** | **2,263,863,000** | | **67,391,000** | |

## *STATEMENT* A

## DĦUL 2010 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT

| Sors | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 42,695,000 | 38,609,000 | - | 4,086,000 | Hu mistenni li d-dħul ikun anqas milli kien previst, partikolarment mill-Eko-Kontribuzzjoni. Dan it-tnaqqis se jkun parzjalment ikkumpensat mid-dħul mid-drittijiet għal *Riċerki* . |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 29,446,000 | 26,798,000 | - | 2,648,000 | Id-differenza hija mistennija minħabba l-arranġamenti amministrattivi li saru b'konnessjoni mal-iffinanzjar tal-amministrazzjoni tat-trasport pubbliku. |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 815,000 | 815,000 | - | - | |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 37,000,000 | 45,634,000 | 8,634,000 | - | Il-profitti tal-Bank għall-2009 li ġew mgħoddija lill-Gvern kienu akbar mill-istima oriġinali. |
| Kera | 21,250,000 | 31,823,000 | 10,573,000 | - | Hu mistenni aktar dħul primarjament minħabba l-ħlas ta' parti mill-kumpens miftiehem għal *encroachment* . |
| Profitti minn Investimenti | 9,500,000 | 11,750,000 | 2,250,000 | - | Id-dħul mid-*dividends,* primarjament mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, se jkun aktar minn dak previst. |

## *STATEMENT* A
## DĦUL 2010 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT

| Sors | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| Ħlas lura u nteressi fuq self mogħti mill-Gvern | 82,000 | 332,000 | 250,000 | - | Id-dħul mill-interessi mistenni jkun akbar mill-istima oriġinali minħabba l-ftehim ta' self mill-ġdid mar-Repubblika Ellenika. |
| Għotjiet Barranin | 184,375,000 | 162,887,000 | - | 21,488,000 | Minkejja li r-rimbors ta' għotjiet taħt il-Fondi Strutturali (Programmi għall-2007- 2013) bejn Jannar u Settembru 2010 kien sostanzjalment ogħla mill-istess perjodu fl-2009, mhux mistenni li l-istima oriġinali sseħħ. Ir-rimbors ikompli fis-snin li ġejjin tul iż-żmien tal-programm. |
| Dħul mixxellanju | 18,520,000 | 27,854,000 | 9,334,000 | - | Id-dħul mistenni jkun iktar minn dak previst minħabba ħlas konness mal-ftehim ta' *concessions* tat-tarznari. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **343,683,000** | **346,502,000** | **2,819,000** | | |
| **TOTALI TA' DĦUL RIKORRENTI** | **2,674,937,000** | **2,610,365,000** | | **64,572,000** | |

## *STATEMENT* A

## DĦUL 2010 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MA' L-ESTIMU APPROVAT

| Sors | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | - | - | - | - | |
| *Sinking Funds* ta' self lokali kkonvertit | - | - | - | - | |
| Self Lokali | 550,000,000 | 550,000,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **550,000,000** | **550,000,000** | | | |
| **DĦUL GLOBALI** | **3,224,937,000** | **3,160,365,000** | | **64,572,000** | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 2,009,000 | 2,209,000 | 200,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni mistennija tkun akbar mill-istima oriġinali, primarjament taħt il-*Hospitality* u *Improvements to Property* . |
| 2 Kamra tad-Deputati | 3,160,000 | 3,238,000 | 78,000 | - | |
| 3 Uffiċċju tal-*Ombudsman* | 473,000 | 373,000 | - | 100,000 | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 1,950,000 | 2,400,000 | 450,000 | - | Mistennija żieda fin-nefqa minħabba r-reklutaġġ ta' impjegati u żieda fid-drittijiet għall-verifika tal-kontijiet tal-Kunsilli Lokali. |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 23,355,000 | 24,378,000 | 1,023,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. Mistennija nefqa akbar mill-istima oriġinali taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni, li se tkun parzjalment ikkumpensata minn nefqa inqas taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi. |
| 6 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 519,000 | 476,000 | - | 43,000 | |
| 7 Forzi Armati ta' Malta | 42,112,000 | 43,059,000 | 947,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa konnessa ma' *Third Country Nationals* mistennija tkun inqas minn dik prevista. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 Turiżmu | 33,156,000 | 37,467,000 | 4,311,000 | - | Spiża akbar mill-istima oriġinali fuq *Route Development* u zieda fil-kontribuzzjoni tal-Gvern lill-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta. |
| 9 Gvern Lokali | 32,105,000 | 32,139,000 | 34,000 | - | |
| 10 Informazzjoni | 1,165,000 | 1,327,000 | 162,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji għall-impjegati eżistenti. |
| 11 Stamperija tal-Gvern | 1,386,000 | 1,419,000 | 33,000 | - | |
| 12 Uffiċċju Elettorali | 2,187,000 | 2,137,000 | - | 50,000 | |
| 13 Ministeru tal-Affarijiet Barranin | 25,105,000 | 25,119,000 | 14,000 | - | |
| 14 Ministeru għal Għawdex | 55,511,000 | 56,601,000 | 1,090,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji għall-impjegati eżistenti. |
| 15 Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni | 65,931,000 | 69,783,000 | 3,852,000 | - | Żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi minħabba l-ħlas taħt il-*Guaranteed Earnings Agreement* mal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Mhux mistenni li jintużaw il-fondi kollha fil-ħlas ta' pesjonijiet lill-ex-ħaddiema tat-Tarznari u l-kontribuzzjoni tal-Gvern lill-*Malta Information Technology Agency* . |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 16 Avjazzjoni Ċivili | 2,448,000 | 0 | - | 2,448,000 | In-nefqa tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili hija inkorporata taħt Transport Malta. |
| 17 Diviżjoni tar-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet | 2,535,000 | 3,185,000 | 650,000 | - | Spiża akbar minn dik prevista minħabba li r-Riċerki bdew isiru mid-Dipartiment minflok il-kuntrattur. |
| 18 Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | 93,516,000 | 93,620,000 | 104,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni mistennija tkun akbar minn dik prevista, primarjament taħt *Transport* u *Incidental Expenses* . Iż-żieda fin-nefqa mistennija titpatta parzjalment minn infiq anqas taħt *Recovery Schemes* , *Motor Vehicles End-of-Life Fund* , is-*Solid Waste Management Stategy* u fuq Programmi u Inizjattivi oħra. |
| 19 Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport | 150,326,000 | 156,894,000 | 6,568,000 | - | Żieda fil-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi, primarjament fil-kontribuzzjoni tal-Gvern lill-iskejjel tal-Knisja, l-istipendji tal-istudenti u l-*Public Service Obligation - Public Broadcasting Services Ltd* . |
| 20 Edukazzjoni | 134,690,000 | 142,146,000 | 7,456,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji għall-emolumenti tal-impjegati skont il-*Capacity Building* li sar matul is-sena. |
| 21 Libreriji | 1,440,000 | 1,477,000 | 37,000 | - | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 Ministeru għall-Politika Soċjali | 39,856,000 | 37,179,000 | - | 2,677,000 | In-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 23 Sigurta' Soċjali | 189,127,000 | 189,423,000 | 296,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt il-*Contractual Services* se tkun akbar milli kien mistenni. |
| 24 Benefiċċji tas-Sigurta Soċjali | 722,500,000 | 725,000,000 | 2,500,000 | - | Iż-żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Benefiċċji non-kontributorji mistennija tkun ikkumpensata parzjalment minn nefqa inqas taħt il-kategorija tal-Benefiċċji kontributorji. |
| 25 *Standards* fil-Ħarsien Soċjali | 922,000 | 892,000 | - | 30,000 | |
| 26 Saħħa | 289,065,000 | 293,172,000 | 4,107,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. Mistennija spiża anqas minn dik prevista għall-*Materials and Supplies* u *Repair and Upkeep,* kif ukoll taħt il-kategoriji tal-Programmi u Inizjattivi u Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet Governattivi. |
| 27 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 53,498,000 | 55,196,000 | 1,698,000 | - | Nefqa akbar hi mistennija taħt *Contractual Services* u taħt il-Programmi ta' *Residential Care in Private Homes* u l-*Home Care/Help Services Scheme.* Din iż-żieda fl-infiq se tkun ikkumpensata parzjalment minn infiq anqas taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji u *items* oħra taħt il-kategoriji tal-Operat u Manutenzjoni u l-Programmi u Inizjattivi. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 1,248,000 | 1,240,000 | - | 8,000 | |
| 29 Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment | 100,847,000 | 112,875,000 | 12,028,000 | - | Żieda fin-nefqa hi mistennija prinċipalment taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi, *International Memberships* u l-kategorija tal-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet Governattivi. |
| 30 It-Teżor | 9,593,000 | 33,662,000 | 24,069,000 | - | Fondi addizjonali ġew allokati taħt il-ftehim ta' self mill-ġdid mar-Repubblika Ellenika. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji se tkun anqas minn dik stmata. |
| 31 Pensjonijiet | 87,485,000 | 86,035,000 | - | 1,450,000 | Mhux mistenni li jintużaw il-fondi kollha vvutati għall-pagament ta' pensjonijiet, *allowances* u *gratuities* li jitħallsu taħt l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93). |
| 32 Ħlasijiet fuq Self | 403,063,000 | 405,563,000 | 2,500,000 | - | Il-ħlas ta' interessi fuq Stock tal-Gvern ta' Malta mistenni jkun akbar milli mistenni, iżda din iż-żieda fin-nefqa se titpatta parzjalment minn ħlas inqas ta' interessi fuq Bills tat-Teżor ta' Malta. |
| 33 Taxxi Interni | 6,080,000 | 6,315,000 | 235,000 | - | In-rifużjoni tat-taxxa tad-divertiment, Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti u taxxa fuq is-suċċessjoni mħallsa żejda kienet ikbar milli previst. |
| 34 Dwana | 11,756,000 | 11,595,000 | - | 161,000 | Nuqqas fin-nefqa hi mistennija taħt *Allowances* u *Contractual Services* . |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 35 VAT | 6,512,000 | 6,811,000 | 299,000 | - | Żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Pagi u Salarji u fuq il-Programm tal-Lotterija tal-Irċevuti Fiskali se tkun irkuprata parzjalment minn infiq anqas taħt il-kategorija tal-Operat u Manutenzjoni. |
| 36 Kuntratti | 1,195,000 | 1,207,000 | 12,000 | - | |
| 37 Politika Ekonomika | 1,108,000 | 1,095,000 | - | 13,000 | |
| 38 Taqsima Propjeta' tal-Gvern | 4,215,000 | 3,762,000 | - | 453,000 | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. Il-ħlas fuq Proprjeta' ttrasferita mingħand il-Knisja hu mistenni li jkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 39 Kummerċ | 2,223,000 | 1,896,000 | - | 327,000 | L-ispiża taħt *Contractual Services* , il-*Business Support Fund for Crafts* u sussidji fuq l-ikel kienet inqas minn dik prevista. |
| 40 Konsumatur u Kompetizzjoni | 2,214,000 | 2,075,000 | - | 139,000 | Mhux mistennija li jintużaw kollha l-fondi pprovduti għall-Pagi u Salarji, u se jkun hemm żieda fin-nefqa taħt *Contractual Services* . |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRRENTI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern | 16,381,000 | 16,293,000 | - | 88,000 | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun akbar milli kien mistenni, primarjament fuq Kumpens lill-Vittmi tal-Kriminalita' u l-ispiża relatata ma' T*hird Country Nationals*. Nefqa anqas milli kien maħsub għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali se tagħmel tajjeb għal dawn iż-żidiet. |
| 42 | Servizz Ġudizzjarju | 9,860,000 | 10,397,000 | 537,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. In-nefqa taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi mistennija tkun ikbar mill-istima oriġinali, l-aktar taħt il-Programm tat-Taħrik u Spejjeż ta' Xhieda, Ġurati u Esperti fil-Ġurijiet Kriminali. |
| 43 | Pulizija | 45,013,000 | 47,869,000 | 2,856,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 44 | Servizzi Korrettivi | 8,674,000 | 8,778,000 | 104,000 | - | Fondi approvati kienu ttrasferiti fil-kategorija tal-Pagi u Salarji. |
| 45 | Protezzjoni Ċivili | 4,070,000 | 4,120,000 | 50,000 | - | |
| | **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U HLASIJIET FUQ SELF** | **2,691,584,000** | **2,761,897,000** | **70,313,000** | | |

*STATEMENT C*

**NEFQA KAPITALI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| I | Uffiċċju tal-Prim Ministru | 21,308,000 | 16,675,000 | - | 4,633,000 | L-ispiża se tkun akbar mill-istima oriġinali, primarjament taħt l-*Armed Forces of Malta - Construction Works and Equipment* għal azzjonijiet speċifiċi taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni. In-nefqa taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013 mistennija tkun inqas minn dik prevista. |
| II | Ministeru tal-Affarijiet Barranin | 746,000 | 942,000 | 196,000 | - | Qed tkun stmat spiża akbar taħt dan il-Vot, primarjament taħt *ICT* u għall-*Mediterranean Academy for Diplomatic Studies,* li l-ispiża tagħha hija ffinanzjata parzjalment minn fondi Svizzeri. |
| III | Ministeru għal Għawdex | 22,065,000 | 14,507,000 | - | 7,558,000 | Il-programmi ppjanati għal *Eco-Gozo* u taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013 huma mistennija li jkomplu fl-2011. |
| IV | Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni | 121,988,000 | 111,989,000 | - | 9,999,000 | Saret nefqa akbar taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni 2007 - 2013. Din iż-żieda fin-nefqa se titpatta b'infiq anqas taħt l-*ICT Core Services Agreement* u għall-iżvilupp tal-facilitajiet tal-Awtorità dwar il-Portijiet Ħielsa. |
| V | Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali | 50,821,000 | 50,521,000 | - | 300,000 | Nefqa akbar fuq proġetti ta' riabilitazzjoni mistennija tkun ikkumpensata b'nefqa inqas milli kien previst taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd u diversi *items* oħra. |

*STATEMENT C*

**NEFQA KAPITALI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | **Vot** | **Estimu Approvat** € | **Estimu Rivedut** € | **Bidla** + € | **Bidla** - € | **Rimarki** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VI | Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport | 51,132,000 | 42,240,000 | - | 8,892,000 | Mistennija nefqa anqas mill-istima oriġinali, primarjament taħt il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013, il-fakulta' tal-*ICT* fl-Universita' ta' Malta u r-restawr tal-Forti Sant'Anġlu. |
| VII | Ministeru għall-Politika Soċjali | 37,696,000 | 33,023,000 | - | 4,673,000 | L-ispiża minn fondi Svizzeri u fuq l-isptar Sir Paul Boffa, il-bini u l-apparat taċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm il-ġdid, il-Faċilita' Ġdida ta' Riabilitazzjoni u fuq ix-xogħol ta' titjib u x-xiri tal-apparat għaċ-Ċentru ta' Riabilitazzjoni Karen Grech se tkun anqas milli kien maħsub.Ġew allokati fondi addizjonali għal xogħlijiet fiċ-Ċimiterji tal-Gvern. |
| VIII | Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment | 103,598,000 | 93,216,000 | - | 10,382,000 | Il-kontribuzzjoni lill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżorerija ta' Malta se tkun akbar mill-istima oriġinali. Se jkun hemm nefqa akbar ukoll fl-Inċentivi għall-Investiment u għal xogħlijiet fil-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta, iżda se jkun hemm nefqa anqas taħt l-*items* tal-*EU Projects Co-financing*, il-Programmi tal-Fondi Strutturali 2007 - 2013, *ICT Corporate Projects* u *ICT*. |

*STATEMENT C*

**NEFQA KAPITALI 2010: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | Vot | Estimu Approvat € | Estimu Rivedut € | Bidla + € | Bidla - € | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IX | Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern | 20,341,000 | 19,897,000 | - | 444,000 | In-nefqa fuq *ICT* , il-Programm ta' Qafas tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurta' u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u l-Bini għall-Ġudikatura mistennija tkun anqas mill-istima oriġinali. Il-Programm ta' xogħlijiet kapitali tal-Pulizija se jkun akbar milli kien mistenni oriġinarjament, primarjament minħabba l-bidu tal-Proġett Prum. |
| | **TOTAL NEFQA KAPITALI** | **429,695,000** | **383,010,000** | | **46,685,000** | |